# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

**tad-9 ta' Ottubru 2014**

**li tistabbilixxi l-konklużjonijiet tal-aqwa tekniki disponibbli (BAT), skont id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emissjonijiet industrijali, għar-raffinar taż-żejt minerali u l-gass**

*(notifikata bid-dokument C(2014) 7155)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2014/738/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara l-kkunsidrat id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(5) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/75/UE jirrikjedi lill-Kummissjoni torganizza skambju ta' informazzjoni dwar l-emissjonijiet industrijali bejnha u l-Istati Membri, l-industriji kkonċernati u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni ambjentali sabiex tiffaċilita t-tfassil tad-dokumenti ta' referenza tal-aqwa tekniki disponibbli (BAT) kif iddefinit fl-Artikolu 3(11) ta' dik id-Direttiva.

(2) Skont l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2010/75/UE, l-iskambju tal-informazzjoni għandu jindirizza l-prestazzjoni tal-installazzjonijiet u t-tekniki f'termini ta' emissjonijiet, espressi bħala medji tat-terminu qasir u twil, fejn xieraq, u l-kundizzjonijiet ta' referenza assoċjati, il-konsum u n-natura tal-materja prima, il-konsum tal-ilma, l-użu tal-enerġija u l-ġenerazzjoni tal-iskart u t-tekniki użati, il-monitoraġġ assoċjat, l-effetti transmedjali, il-vijabbiltà ekonomika u teknika u l-iżviluppi f'dan il-qasam u l-aqwa tekniki disponibbli u t-tekniki emerġenti identifikati wara l-kunsiderazzjoni tal-kwistjonijiet imsemmijin fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 13(2) ta' dik id-Direttiva.

(3) "Il-konklużjonijiet BAT" kif definiti fl-Artikolu 3(12) tad-Direttiva 2010/75/UE huma l-element ewlieni tad-dokumenti ta' referenza tal-BAT u jistabbilixxu l-konklużjonijiet dwar l-aqwa tekniki disponibbli, id-deskrizzjoni tagħhom, l-informazzjoni għall-valutazzjoni tal-applikabbiltà tagħhom, il-livelli tal-emissjonijiet assoċjati mal-aqwa tekniki disponibbli, il-monitoraġġ assoċjat, il-livelli ta' konsum assoċjati u, fejn applikabbli, il-miżuri għar-rimedjar tas-sit rilevanti.

(4) Skont l-Artikolu 14(3) tad-Direttiva 2010/75/UE, il-konklużjonijiet BAT għandhom ikunu r-referenza għall-istabbiliment tal-kundizzjonijiet tal-permess għall-installazzjonijiet koperti mill-Kapitolu II ta' dik id-Direttiva.

(5) L-Artikolu 15(3) tad-Direttiva 2010/75/UE jirrikjedi lill-awtorità kompetenti biex tistabbilixxi valuri limitu tal-emissjonijiet li jiżguraw li, taħt kundizzjonijiet ta' operat normali, l-emissjonijiet ma jaqbżux il-livelli tal-emissjonijiet assoċjati mal-aqwa tekniki disponibbli kif stabbilit fid-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet BAT imsemmijin fl-Artikolu 13(5) tad-Direttiva 2010/75/UE.

(6) L-Artikolu 15(4) tad-Direttiva 2010/75/UE jipprevedi derogi mir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 15(3) biss meta l-ispejjeż assoċjati mal-kisba tal-livelli tal-emissjonijiet assoċjati mal-BAT jiżbilanċaw b'mod sproporzjonat il-benefiċċji ambjentali minħabba l-post ġeografiku, il-kundizzjonijiet ambjentali lokali jew il-karatteristiċi tekniċi tal-installazzjoni kkonċernata.

(7) L-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2010/75/UE jipprevedi li r-rekwiżiti ta' monitoraġġ fil-permess imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 14(1) tad-Direttiva għandhom ikunu bbażati fuq il-konklużjonijiet dwar il-monitoraġġ kif deskritt fil-konklużjonijiet BAT.

([1]) ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17.

(8) Skont l-Artikolu 21(3) tad-Direttiva 2010/75/UE, fi żmien 4 snin mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet BAT, l-awtorità kompetenti għandha terġa' tikkunsidra u, jekk meħtieġ, taġġorna l-kundizzjonijiet kollha tal-permess u tiżgura li l-installazzjoni tikkonforma ma' dawk il-kundizzjonijiet tal-permess.

(9) Il-Kummissjoni stabbilixxiet forum magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri, l-industriji kkonċernati u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni ambjentali permezz tad-Deċiżjoni tas-16 ta' Mejju 2011 li tistabbilixxi forum għall-iskambju tal-informazzjoni skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali ([1]).

(10) Skont l-Artikolu 13(4) tad-Direttiva 2010/75/UE, il-Kummissjoni kisbet l-opinjoni tal-forum, stabbilit permezz tad-Deċiżjoni tas-16 ta' Mejju 2011, dwar il-kontenut propost tad-dokument ta' referenza tal-BAT għar-raffinar taż-żejt minerali u l-gass fl-20 ta' Settembru 2013 u għamlitha disponibbli għall-pubbliku.

(11) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 75(1) tad-Direttiva 2010/75/UE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-konklużjonijiet BAT għar-raffinar taż-żejt minerali u l-gass, kif stabbilit fl-Anness, huma adottati.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kummissjoni*
Janez POTOČNIK
*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU C 146, 17.5.2011, p. 3.

*ANNESS*

**KONKLUŻJONIJIET BAT GĦAR-RAFFINAR TAŻ-ŻEJT MINERALI U L-GASS**


KAMP TA' APPLIKAZZJONI ... 41

KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI ... 43

Perjodi għall-medja u kundizzjonijiet ta' referenza għall-emissjonijiet fl-arja ... 43

Konverżjoni tal-konċentrazzjoni tal-emissjonijiet għal-livell ta' referenza tal-ossiġenu ... 44

Perjodi għall-medja u kundizzjonijiet ta' referenza għall-emissjonijiet fl-ilma ... 44

DEFINIZZJONIJIET ... 44

1.1. Konklużjonijiet BAT ġenerali għar-raffinar taż-żejt minerali u l-gass ... 46

1.1.1. Sistemi għall-ġestjoni ambjentali ... 46

1.1.2. Effiċjenza enerġetika ... 47

1.1.3. Ħażna u ġestjoni tal-materjali solidi ... 48

1.1.4. Monitoraġġ tal-emissjonijiet fl-arja u parametri ewlenin tal-proċessi ... 48

1.1.5. Tħaddim tas-sistemi tat-trattament tal-gass ta' skart ... 49

1.1.6. Monitoraġġ tal-emissjonijiet fl-ilma ... 50

1.1.7. Emissjonijiet fl-ilma ... 50

1.1.8. Ġenerazzjoni u ġestjoni tal-iskart ... 52

1.1.9. Storbju ... 53

1.1.10. Konklużjonijiet BAT għall-ġestjoni integrata tar-raffinerija ... 53

1.2. Konklużjonijiet BAT għall-proċess ta' alkilazzjoni ... 54

1.2.1. Proċess ta' alkilazzjoni bl-aċidu fluworidriku ... 54

1.2.2. Proċess ta' alkilazzjoni tal-aċidu sulfuriku ... 54

1.3. Konklużjonijiet BAT għall-proċessi tal-produzzjoni taż-żejt bażi ... 54

1.4. Konklużjonijiet BAT għall-proċessi tal-produzzjoni tal-bitumen ... 55

1.5. Konklużjonijiet BAT għall-proċess tal-ikkrekkjar katalitiku fluwidu ... 55

1.6. Konklużjonijiet BAT għall-proċess tar-riformar katalitiku ... 59

1.7. Konklużjonijiet BAT għall-proċessi tal-ikkokkjar ... 60

1.8. Konklużjonijiet BAT għall-proċessi tat-tneħħija tal-melħ ... 62

1.9. Konklużjonijiet BAT għall-unitajiet tal-kombustjoni ... 62

1.10. Konklużjonijiet BAT għall-proċessi tal-eterifikazzjoni ... 68

1.11. Konklużjonijiet BAT għall-proċess ta' isomerizzazzjoni ... 69

1.12. Konklużjonijiet BAT għar-raffinerija tal-gass naturali ... 69

1.13. Konklużjonijiet BAT għall-proċess ta' distillazzjoni ... 69

1.14. Konklużjonijiet BAT għall-proċessi tat-trattament tal-prodotti ... 69

1.15. Konklużjonijiet BAT għall-proċessi ta' ħażna uġestjoni ... 70

1.16. Konklużjonijiet BAT għat-tnaqqis tal-viskożità u proċessi termali oħrajn ... 71

1.17. Konklużjonijiet BAT għat-trattament tal-kubrit fil-gass ta' skart ... 72

1.18. Konklużjonijiet BAT għall-fjakkoli ... 72

1.19. Konklużjonijiet BAT għall-ġestjoni integrata tal-emissjonijiet ... 73

GLOSSARJU ... 75

1.20. Deskrizzjoni tat-tekniki għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-emissjonijiet fl-arja ... 75

1.20.1. Trab ... 75

1.20.2. Ossidi tan-nitroġenu ($NO_X$) ... 76

1.20.3. Ossidi tal-kubrit ($SO_X$) ... 77

1.20.4. Tekniki kombinati ($SO_x$, $NO_x$ u trab) ... 79

1.20.5. Monossidu tal-karbonju (CO) ... 79

1.20.6. Komposti organiċi volatili (VOC) ... 79

1.20.7. Tekniki oħrajn ... 81

1.21. Deskrizzjoni tat-tekniki għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-emissjonijiet fl-ilma ... 82

1.21.1. Trattament minn qabel tal-ilma mormi ... 82

1.21.2. Trattament tal-ilma mormi ... 82

KAMP TA' APPLIKAZZJONI

Dawn il-konklużjonijiet BAT ikopru ċerti attivitajiet industrijali speċifikati fit-Taqsima 1.2 tal-Anness I tad-Direttiva 2010/75/UE, jiġifieri "1.2 Industriji tal-enerġija: Raffinar taż-żejt minerali u l-gass".

B'mod partikolari, dawn il-konklużjonijiet BAT ikopru l-proċessi u l-attivitajiet li ġejjin:

| Attività | Subattivitajiet jew proċessi inklużi fl-attività |
|---|---|
| Alkilazzjoni | Il-proċessi kollha tal-alkilazzjoni: aċidu fluworidriku (HF), aċidu sulfuriku ($H_2SO_4$) u aċidu solidu |
| Produzzjoni taż-żejt bażi | Deasfaltar, estrazzjoni aromatika, ipproċessar tax-xema' u l-irfinar bl-ilma (hydrofinishing) taż-żejt lubrikant |
| Produzzjoni tal-bitumen | It-tekniki kollha mill-ħażna sal-addittivi tal-prodott finali |
| Krekkjar katalitiku | It-tipi kollha tal-unitajiet tal-ikkrekkjar katalitiku bħall-ikkrekkjar katalitiku flu-widu |
| Riformar katalitiku | Riformar katalitiku kontinwu, ċikliku u semiriġenerattiv |
| Kokkjar | Proċessi tal-ikkokkjar imdewwem u fluwidu. Kalċinazzjoni tal-kokk |
| Tkessiħ | Tekniki tat-tkessiħ applikati fir-raffineriji |
| Tneħħija tal-melħ | Tneħħija tal-melħ miż-żejt mhux raffinat |
| Unitajiet ta' kombustjoni għall-produz-zjoni tal-enerġija | Unitajiet ta' kombustjoni li jaħarqu l-fjuwils tar-raffinar, esklużi l-unitajiet li jużaw il-fjuwils konvenzjonali jew kummerċjali biss |

| Attività | Subattivitajiet jew proċessi inklużi fl-attività |
|---|---|
| Eterifikazzjoni | Produzzjoni tas-sustanzi kimiċi (eż. alkoħols u eteri bħal MTBE, ETBE u TAME) użati bħala addittivi għall-fjuwils tal-magni |
| Separazzjoni tal-gass | Separazzjoni tal-frazzjonijiet ħfief taż-żejt mhux raffinat eż. gass kombustibbli tar-raffinerija (RFG), gass likwifikat miż-żejt (LPG) |
| Proċessi li jikkunsmaw l-idroġenu | Idrokrekkjar, idroraffinar, idrotrattamenti, idrokonverżjoni, idroproċessar u proċessi ta' idroġenazzjoni |
| Produzzjoni tal-idroġenu | Ossidazzjoni parzjali, riformar tal-fwar, riformar imsaħħan bil-gass u purifikazzjoni bl-idroġenu |
| Isomerizzazzjoni | Isomerizzazzjoni ta' komposti tal-idrokarburi $C_4$, $C_5$ u $C_6$ |
| Impjanti tal-gass naturali | Proċessar tal-gass naturali (NG) inkluż il-likwefazzjoni tan-NG |
| Polimerizzazzjoni | Polimerizzazzjoni, dimerizzazzjoni u kondensazzjoni |
| Distillazzjoni primarja | Distillazzjoni atmosferika u bil-vakwu |
| Trattamenti tal-prodotti | Taħlil u trattamenti tal-prodott finali |
| Ħażna u ġestjoni tal-materjali tar-raffinar | Ħażna, taħlit, tagħbija u ħatt tal-materjali tar-raffinar |
| Tnaqqis tal-viskożità u konverżjonijiet termali oħrajn | Trattamenti termali bħat-tnaqqis tal-viskożità jew il-proċess termali taż-żejt tal-gass |
| Trattament tal-gass ta' skart | Tekniki għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-arja jew biex isiru inqas intensi |
| Trattament tal-ilma mormi | Tekniki għat-trattament tal-ilma mormi qabel ir-rilaxx |
| Ġestjoni tal-iskart | Tekniki għall-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-ġenerazzjoni tal-iskart |

Dawn il-konklużjonijiet BAT ma jindirizzawx l-attivitajiet jew il-proċessi li ġejjin:

— l-esplorazzjoni u l-produzzjoni taż-żejt mhux raffinat u l-gass naturali;

— it-trasportar taż-żejt mhux raffinat u l-gass naturali;

— il-kummerċjalizzazzjoni u d-distribuzzjoni tal-prodotti.

Dokumenti ta' referenza oħrajn li jistgħu jkunu rilevanti għall-attivitajiet koperti minn dawn il-konklużjonijiet BAT huma dawn li ġejjin:

| Dokument ta' referenza | Suġġett |
|---|---|
| Trattament tal-Ilma Mormi Komuni u l-Gass ta' Skart/Sistemi ta' Ġestjoni fis-Settur tal-Kimika (CWW) | Tekniki għal-ġestjoni u t-trattament tal-ilma mormi |
| Sistemi Industrijali tat-Tkessiħ (ICS) | Proċessi tat-tkessiħ |
| L-Ekonomija u l-Effetti Transmedjali (ECM) | L-ekonomija u l-effetti transmedjali tat-tekniki |

| Dokument ta' referenza | Suġġett |
|---|---|
| Emissjonijiet mill-Ħażna (EFS) | Ħażna, taħlit, tagħbija u ħatt tal-materjali tar-raffinar |
| Effiċjenza Enerġetika (ENE) | Effiċjenza enerġetika u ġestjoni integrata tar-raffinerija |
| Impjanti Kbar tal-Kombustjoni (LCP) | Kombustjoni ta' fjuwils konvenzjonali u kummerċjali |
| Sustanzi Kimiċi Inorganiċi ta' Volum Kbir — Industriji tal-Ammonijaka, l-Aċidi u l-Fertilizzanti (LVIC-AAF) | Riformar tal-fwar u purifikazzjoni bl-idroġenu |
| Industrija tas-Sustanzi Kimiċi Organiċi ta' Volum Kbir (LVOC) | Proċess ta' eterifikazzjoni (produzzjoni ta' MTBE, ETBE u TAME) |
| Inċinerazzjoni tal-Iskart (WI) | Inċinerazzjoni tal-Iskart |
| Trattament tal-Iskart (WT) | Trattament tal-Iskart |
| Prinċipji Ġenerali tal-Monitoraġġ (MON) | Monitoraġġ tal-emissjonijiet fl-arja u fl-ilma |

KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

It-tekniki elenkati u deskritti f'dawn il-konklużjonijiet BAT mhumiex preskrittivi u lanqas ma huma eżawrjenti. Jistgħu jintużaw tekniki oħrajn li jiżguraw mill-inqas livell ekwivalenti ta' protezzjoni ambjentali.

Sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor, dawn il-konklużjonijiet BAT huma ġeneralment applikabbli.

**Perjodi għall-medja u kundizzjonijiet ta' referenza għall-emissjonijiet fl-arja**

Sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor, il-livelli tal-emissjonijiet assoċjati mal-aqwa tekniki disponibbli (BAT-AELs) għall-emissjonijiet fl-arja mogħtija f'dawn il-konklużjonijiet BAT jirreferu għall-konċentrazzjonijiet, espressi bħala massa ta' sustanza emessa għal volum speċifiku ta' gass ta' skart taħt il-kundizzjonijiet standard li ġejjin: gass niexef, temperatura ta' 273.15 K, pressjoni ta' 101.3 kPa.

| | |
|---|---|
| Għall-kejl kontinwu | Il-BAT-AELs jirreferu għall-valuri medji ta' kull xahar, li huma l-medji tal-valuri medji validi kollha għal kull siegħa mkejla f'perjodu ta' xahar |
| Għall-kejl perjodiku | Il-BAT-AELs jirreferu għall-valur medju ta' tliet kampjuni fuq il-post ta' mill-inqas 30 minuta kull wieħed |

Għall-unitajiet ta' kombustjoni, il-proċessi tal-ikkrekkjar katalitiku, u l-unitajiet tal-irkupru tal-kubrit mill-gassijiet ta' skart, il-kundizzjonijiet ta' referenza għall-ossiġenu jidhru fit-Tabella 1.

*Tabella 1*

**Kundizzjonijiet ta' referenza għall-BAT-AELs fir-rigward tal-emissjonijiet fl-arja**

| Attivitajiet | Unità | Kundizzjonijiet ta' referenza għall-ossiġenu |
|---|---|---|
| Unità ta' kombustjoni li tuża fjuwils likwidi jew gassużi bl-eċċezzjoni tat-turbini u l-magni tal-gass | $mg/Nm^3$ | 3 % ossiġenu skont il-volum |
| Unità ta' kombustjoni li tuża fjuwils solidi | $mg/Nm^3$ | 6 % ossiġenu skont il-volum |

| Attivitajiet | Unità | Kundizzjonijiet ta' referenza għall-ossiġenu |
|---|---|---|
| Turbini (inklużi t-turbini tal-gass b'ċiklu kkombinat — CCGT) u magni tal-gass | mg/Nm³ | 15 % ossiġenu skont il-volum |
| Proċess tal-ikkrekkjar katalitiku (riġeneratur) | mg/Nm³ | 3 % ossiġenu skont il-volum |
| Unita ta' rkupru tal-kubrit tal-gass ta' skart (1) | mg/Nm³ | 3 % ossiġenu skont il-volum |

(1) Fil-każ tal-applikazzjoni ta' BAT 58.

**Konverżjoni tal-konċentrazzjoni tal-emissjonijiet għal-livell ta' referenza tal-ossiġenu**

Il-formola għall-kalkolu tal-konċentrazzjoni tal-emissjonijiet f'livell ta' referenza tal-ossiġenu (ara Tabella 1) tidher hawn taħt.

$$E_R = \frac{21 - O_R}{21 - O_M} \times E_M$$

Fejn:

$E_R$ (mg/Nm³): konċentrazzjoni tal-emissjonijiet riferuta għal-livell ta' referenza tal-ossiġenu $O_R$

$O_R$ (vol %): livell ta' referenza tal-ossiġenu

$E_M$ (mg/Nm³): konċentrazzjoni tal-emissjonijiet riferuta għal-livell imkejjel tal-ossiġenu $O_M$

$O_M$ (vol %): livell imkejjel tal-ossiġenu.

**Perjodi għall-medja u kundizzjonijiet ta' referenza għall-emissjonijiet fl-ilma**

Sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor, il-livelli tal-emissjonijiet assoċjati mal-aqwa tekniki disponibbli (BAT-AELs) għall-emissjonijiet fl-ilma mogħtija f'dawn il-konklużjonijiet BAT jirreferu għall-valuri ta' konċentrazzjoni (massa ta' sustanzi emessi għal volum speċifiku ta' ilma) espressi f'mg/l.

Sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor, il-perjodi għall-medja assoċjati mal-BAT-AELs huma definiti kif ġej:

| | |
|---|---|
| Medja ta' kuljum | Medja fuq perjodu kampjun ta' 24 siegħa meħud bħala kampjun aggregat proporzjonali għall-fluss jew, sakemm tintwera stabbiltà suffiċjenti tal-fluss, minn kampjun proporzjonali għall-ħin |
| Medja ta' kull sena/xahar | Medja tal-medji ta' kuljum kollha miksuba f'sena/xahar, peżata skont il-flussi ta' kuljum |

DEFINIZZJONIJIET

Għall-finijiet ta' dawn il-konklużjonijiet BAT, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

| Terminu użat | Definizzjoni |
|---|---|
| Unità | Segment/subparti tal-installazzjoni li fiha titwettaq operazzjoni ta' proċessar speċifika |
| Unità ġdida | Unità permessa għall-ewwel darba fuq is-sit tal-installazzjoni wara l-pubblikazzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet BAT jew sostituzzjoni kompleta ta' unità fuq il-pedamenti eżistenti tal-installazzjoni wara l-pubblikazzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet BAT |
| Unità eżistenti | Unità li mhijiex unità ġdida |

| Terminu użat | Definizzjoni |
|---|---|
| Effluwent gassuż tal-proċess | Il-gass miġbur iġġenerat minn proċess li jrid jiġi ttrattat eż. f'unità għat-tneħħija tal-gass aċiduż u unità tal-irkupru tal-kubrit (SRU) |
| Gass mit-tromba ta' ċumnija | Il-gass tal-egżost li joħroġ minn unità wara pass ta' ossidazzjoni, ġeneralment il-kombustjoni (eż. riġeneratur, unità Claus) |
| Gass residwu | Isem komuni tal-gass egżost minn SRU (ġeneralment proċess Claus) |
| VOC | Koposti organiċi volatili kif definiti fl-Artikolu 3(45) tad-Direttiva 2010/75/UE |
| NMVOC | VOC eskluż il-metan |
| Emissjonijiet diffużi ta' VOC | Emissjonijiet VOC mhux inkanalati li mhumiex rilaxxati permezz ta' punti ta' emissjoni speċifiċi bħaċ-ċmieni. Dawn jistgħu jirriżultaw minn sorsi taż-"żona" (eż. tankijiet) jew sorsi tal-"punt" (eż. flanġi tal-pajpijiet) |
| $NO_X$ espress bħala $NO_2$ | Is-somma tal-ossidu tan-nitroġenu (NO) u d-diossidu tan-nitroġenu ($NO_2$) espressa bħala $NO_2$ |
| $SO_X$ espress bħala $SO_2$ | Is-somma tad-diossidu tal-kubrit ($SO_2$) u t-triossidu tal-kubrit ($SO_3$) espressa bħala $SO_2$ |
| $H_2S$ | Sulfur tal-idroġenu. Is-sulfur tal-karbonil u l-merkaptan mhumiex inklużi |
| Il-klorur tal-idroġenu espress bħala HCl | Il-kloruri gassużi kollha espressi bħala HCl |
| Il-fluworur tal-idroġenu espress bħala HF | Il-fluworuri gassużi kollha espressi bħala HF |
| Unità tal-FCC | Krekkjar katalitiku fluwidu: proċess ta' konverżjoni għat-titjib tal-idrokarburi tqal, bl-użu tas-sħana u katalizzatur biex il-molekuli kbar tal-idrokarburi jitkissru f'molekuli eħfef |
| SRU | Unità ta' rkupru tal-kubrit Ara d-definizzjoni fit-Taqsima 1.20.3 |
| Fjuwil tar-raffinerija | Materjal kombustibbli solidu, likwidu jew gassuż mill-passi ta' distillazzjoni u konverżjoni tar-raffinar taż-żejt mhux raffinat.<br>Eżempji huma gass kombustibbli tar-raffinerija (RFG), gass sintetiku u żjut tar-raffinerija, kokk pet |
| RFG | Gass kombustibbli tar-raffinerija: l-effluwent gassuż mill-unitajiet tad-distillazzjoni jew il-konverżjoni użati bħala fjuwil |
| Unità tal-kombustjoni | Unità li taħraq il-fjuwils tar-raffinerija waħedhom jew ma' fjuwils oħrajn għall-produzzjoni tal-enerġija fis-sit tar-raffinerija, bħall-bojlers (għajr il-bojlers tal-CO), l-ifran u t-turbini tal-gass. |
| Kejl kontinwu | Kejl bl-użu ta' "sistema awtomatika tal-kejl" (AMS) jew "sistema għall-monitoraġġ kontinwu tal-emissjonijiet" (CEMS) installati b'mod permanenti fis-sit |
| Kejl perjodiku | Id-determinazzjoni ta' mikjel f'intervalli tal-ħin speċifikati bl-użu ta' metodi ta' referenza manwali jew awtomatiċi |
| Monitoraġġ indirett tal-emissjonijiet fl-arja | L-istima tal-konċentrazzjoni tal-emissjonijiet fil-gass mit-tromba ta' ċumnija ta' sustanza li tniġġes permezz ta' kombinazzjoni xierqa ta' kejl tal-parametri sostitwiti (bħall-kontenut tal-$O_2$, il-kontenut tal-kubrit jew in-nitroġenu fl-alimentazzjoni/fjuwil), il-kalkoli u l-kejl perjodiku taċ-ċmieni. L-użu tal-proporzjonijiet tal-emissjonijiet ibbażati fuq il-kontenut tal-kubrit fil-fjuwil huwa eżempju wieħed ta' monitoraġġ indirett. Eżempju ieħor ta' monitoraġġ indirett huwa l-użu ta' PEMS |

| Terminu użat | Definizzjoni |
|---|---|
| Sistema ta' monitoraġġ tal-previżjoni tal-emissjonijiet (PEMS) | Sistema li tiddetermina l-konċentrazzjoni tal-emissjonijiet ta' sustanza li tniġġes fuq il-bażi tar-relazzjoni tagħha ma' għadd ta' parametri tal-proċess karatteristiċi li jkunu monitorjati kontinwament (eż. il-konsum tal-gass kombustibbli, il-proporzjon bejn l-arja u l-fjuwil) u d-dejta tal-kwalità tal-alimentazzjoni jew tal-fjuwil (eż. il-kontenut tal-kubrit) ta' sors ta' emissjoni |
| Komposti tal-idrokarburi likwidi volatili | Derivattivi taż-żejt mhux maħdum bi pressjoni tal-fwar Reid (RVP) ta' aktar minn 4 kPa, bħan-nafta u l-aromatiċi |
| Rata ta' rkupru | Perċentwal ta' NMVOC irkuprat mill-flussi mwassla f'unità għall-irkupru tal-fwar (VRU) |

1.1. **Konklużjonijiet BAT ġenerali għar-raffinar taż-żejt minerali u l-gass**

Il-konklużjonijiet BAT speċifiċi skont il-proċess inklużi fit-Taqsimiet 1.2 sa 1.19 flimkien mal-konklużjonijiet BAT ġenerali msemmija f'din it-taqsima.

1.1.1. *Sistemi għall-ġestjoni ambjentali*

BAT 1. Sabiex titjieb il-prestazzjoni ambjentali globali tal-impjanti għar-raffinar taż-żejt minerali u l-gass, il-BAT għandhom jimplimentaw u jaderixxu ma' sistema ta' ġestjoni ambjentali (EMS) li tinkorpora l-karatteristiċi kollha li ġejjin:

i. l-impenn tal-maniġment, inkluż il-maniġment superjuri;

ii. id-definizzjoni ta' politika ambjentali li tinkludi t-titjib kontinwu għall-installazzjoni mill-maniġment;

iii. l-ippjanar u l-istabbiliment tal-proċeduri, l-objettivi u l-miri neċessarji, flimkien mal-ippjanar finanzjarju u l-investiment;

iv. l-implimentazzjoni tal-proċeduri filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lil:

(a) l-istruttura u r-responsabbiltà

(b) it-taħriġ, is-sensibbilizzazzjoni u l-kompetenza

(c) il-komunikazzjoni

(d) l-involviment tal-impjegati

(e) id-dokumentazzjoni

(f) il-kontroll effiċjenti tal-proċessi

(g) il-programmi ta' manutenzjoni

(h) l-istat ta' preparazzjoni u r-rispons għall-emerġenzi

(i) is-salvagwardja tal-konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali.

v. il-verifika tal-prestazzjoni u t-teħid ta' azzjoni korrettiva, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lil:

(a) il-monitoraġġ u l-kejl (ara wkoll id-dokument ta' referenza dwar il-Prinċipji Ġenerali tal-Monitoraġġ)

(b) l-azzjoni korrettiva u preventiva

(c) iż-żamma tar-rekords

(d) l-awditjar indipendenti (meta prattikabbli) intern u estern sabiex jiġi determinat jekk l-EMS tikkonformax jew le mal-arranġamenti ppjanati u jekk tkunx ġiet implimentata u miżmuma kif suppost;

vi. ir-reviżjoni tal-EMS u l-idoneità, l-adegwatezza u l-effettività kontinwa tagħha mill-maniġment superjuri;

vii. is-segwitu għall-iżvilupp ta' teknoloġiji aktar nodfa;

viii. il-kunsiderazzjoni għall-impatti ambjentali mid-dekummissjunar possibbli tal-installazzjoni fl-istadju tad-disinn ta' impjant ġdid, u tul il-ħajja operattiva tagħha;

ix. l-applikazzjoni tal-valutazzjoni komparattiva settorjali fuq bażi regolari.

Applikabbiltà

Il-kamp ta' applikazzjoni (eż. il-livell tad-dettall) u n-natura tal-EMS (eż. standardizzata jew mhux standardizzata) ġeneralment ikunu relatati man-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-installazzjoni u l-medda ta' impatti ambjentali li jista' jkollha.

1.1.2. *Effiċjenza enerġetika*

BAT 2. Sabiex l-enerġija tintuża b'mod effiċjenti, il-BAT għandhom jużaw kombinazzjoni xierqa tat-tekniki mogħtija hawn taħt.

| Teknika | Deskrizzjoni |
|---|---|
| (i) Tekniki tad-disinn | |
| a. Analiżi pinch | Metodoloġija bbażata fuq kalkolu sistematiku ta' miri termodinamiċi għall-minimizzar tal-konsum tal-enerġija tal-proċessi. Użata bħala għodda għall-evalwazzjoni tad-disinni tas-sistemi totali |
| b. Integrazzjoni tas-sħana | L-integrazzjoni tas-sħana tas-sistemi tal-proċess tiżgura li proporzjon sostanzjali tas-sħana meħtieġa f'diversi proċessi tiġi provduta mill-iskambju tas-sħana bejn il-flussi li għandhom jissaħħnu u l-flussi li għandhom jitkessħu |
| c. Irkupru tas-sħana u tal-potenza | Użu ta' mezzi għall-irkupru tal-enerġija eż.:<br>— bojlers li jużaw is-sħana mitlufa<br>— expanders/irkupru tal-potenza fl-unità FCC<br>— użu tas-sħana mitlufa fit-tisħin distrettwali |
| (ii) Kontroll tal-proċess u tekniki ta' manutenzjoni | |
| a. Ottimizzazzjoni tal-proċess | Kombustjoni kontrollata awtomatika sabiex jitnaqqas il-konsum tal-fjuwil għal kull tunnellata ta' alimentazzjoni pproċessata, ta' spiss ikkombinata mal-integrazzjoni tas-sħana għat-titjib tal-effiċjenza tal-ifran |
| b. Ġestjoni u tnaqqis tal-konsum tal-fwar | Immappjar sistematiku tas-sistemi tal-valvi għat-tbattil sabiex jitnaqqas il-konsum tal-fwar u jiġi ottimizzat l-użu tiegħu |
| c. Użu ta' parametru referenzjarju tal-enerġija | Parteċipazzjoni fl-attivitajiet ta' klassifikazzjoni u valutazzjoni komparattiva sabiex jinkiseb titjib kontinwu bit-tagħlim mill-aħjar prattika |
| (iii) Tekniki tal-produzzjoni effiċjenti fl-enerġija | |
| a. Użu ta' kombinazzjoni ta' sħana u potenza | Sistema ddisinjata għall-koproduzzjoni (jew il-koġenerazzjoni) tas-sħana (eż. fwar) u l-potenza elettrika mill-istess fjuwil |
| b. Ċiklu kkombinat ta' gassifikazzjoni integrata (IGCC) | Teknika li l-iskop tagħha huwa li tipproduċi l-fwar, l-idroġenu (fakultattiv) u potenza elettrika minn varjetà ta' tipi ta' fjuwil (eż. żejt kombustibbli tqil jew kokk) b'effiċjenza ta' konverżjoni għolja |

1.1.3. *Ħażna u ġestjoni tal-materjali solidi*

BAT 3. Sabiex jiġu evitati jew, meta dan ma jkunx prattikabbli, sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tat-trab mill-ħażna u l-ġestjoni tal-materjali bit-trab, il-BAT għandhom jużaw waħda mit-tekniki mogħtija hawn taħt jew kombinazzjoni tagħhom:

i. ħażna tal-materjali tat-trab fil-massa f'sajlos magħluqin mgħammra b'sistema għat-tnaqqis tat-trab (eż. filtru tat-tessut);

ii. ħażna tal-materjali fini f'kontenituri magħluqin jew boroż issiġillati;

iii. żamma tal-munzelli tal-ħażniet tal-materjali bit-trab oħxon mxarrbin, il-wiċċ jiġi stabbilizzat b'aġenti li jiffurmaw qoxra, jew jinħażnu f'munzelli mgħottijin;

iv. użu ta' vetturi għat-tindif tat-toroq.

1.1.4. *Monitoraġġ tal-emissjonijiet fl-arja u parametri ewlenin tal-proċessi*

BAT 4. Il-BAT għandhom jimmonitorjaw l-emissjonijiet fl-arja bl-użu tat-tekniki tal-monitoraġġ b'mill-inqas il-frekwenza minima mogħtija hawn taħt u skont l-istandards EN. Jekk ma jkunux disponibbli standards EN, il-BAT għandhom jużaw ISO, standards nazzjonali jew standards internazzjonali oħrajn li jiżguraw il-provvista ta' dejta ta' kwalità xjentifika ekwivalenti.

| Deskrizzjoni | Unità | Frekwenza minima | Teknika ta' monitoraġġ |
|---|---|---|---|
| i. $SO_X$, $NO_X$, u emissjonijiet tat-trab | Krekkjar katalitiku | Kontinwu [1] [2] | Kejl dirett |
| | Unitajiet tal-kombustjoni ≥ 100 MW [3] u unitajiet tal-kalċinazzjoni | Kontinwu [1] [2] | Kejl dirett [4] |
| | Unitajiet tal-kombustjoni ta' 50 sa 100 MW [3] | Kontinwu [1] [2] | Kejl dirett jew monitoraġġ indirett |
| | Unitajiet tal-kombustjoni < 50 MW [3] | Darba fis-sena u wara bidliet sinifikanti tal-fjuwil [5] | Kejl dirett jew monitoraġġ indirett |
| | Unitajiet tal-irkupru tal-kubrit (SRU) | Kontinwu għal $SO_2$ biss | Kejl dirett jew monitoraġġ indirett [6] |
| ii. Emissjonijiet ta' $NH_3$ | L-unitajiet kollha mgħammra b'SCR jew SNCR | Kontinwu | Kejl dirett |
| iii. Emissjonijiet tal-CO | Krekkjar katalitiku u unitajiet tal-kombustjoni ≥ 100 MW [3] | Kontinwu | Kejl dirett |
| | Unitajiet tal-kombustjoni oħrajn | Darba kull 6 xhur [5] | Kejl dirett |
| iv. Emissjonijiet tal-metalli: Nikil (Ni), Antimonju (Sb) [7], Vanadju (V) | Krekkjar katalitiku | Darba kull 6 xhur u wara bidliet sinifikanti fl-unità [5] | Kejl dirett jew analiżi bbażata fuq il-kontenut tal-metalli fil-katalizzaturi fini u fil-fjuwil |
| | Unitajiet tal-kombustjoni [8] | | |

| Deskrizzjoni | Unità | Frekwenza minima | Teknika ta' monitoraġġ |
|---|---|---|---|
| v. Emissjonijiet tad-dibenżodiossini poliklorinati/furans (PCDD/F) | Riformatur katalitiku | Darba fis-sena jew darba kull riġenerazzjoni, skont liema l-itwal | Kejl dirett |

(1) Il-kejl kontinwu tal-emissjonijiet ta' $SO_2$ jista' jiġi sostitwit bil-kalkoli bbażati fuq il-kejl tal-kontenut tal-kubrit tal-fjuwil jew tal-alimentazzjoni; meta jkun jista' jintwera li dan iwassal għal livell ekwivalenti ta' preċiżjoni.
(2) Fir-rigward ta' $SO_X$, $SO_2$ biss huwa mkejjel b'mod kontinwu, filwaqt li $SO_3$ jitkejjel biss perjodikament (eż. matul il-kalibrazzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ ta' $SO_2$).
(3) Jirreferi għall-input termali totali klassifikat tal-unitajiet tal-kombustjoni kollha konnessi maċ-ċumnija fejn iseħħu l-emissjonijiet.
(4) Jew monitoraġġ indirett ta' $SO_X$.
(5) Il-frekwenzi tal-monitoraġġ jistgħu jiġu adattati jekk, wara perjodu ta' sena, is-serje tad-dejta turi b'mod ċar stabbiltà suffiċjenti.
(6) Il-kejl tal-emissjonijiet ta' $SO_2$ minn SRU jista' jiġi sostitwit b'bilanċ materjali kontinwu jew monitoraġġ tal-parametri tal-proċess rilevanti ieħor, sakemm il-kejl xieraq tal-effiċjenza tal-SRU jkun ibbażat fuq testijiet perjodiċi tal-prestazzjoni tal-impjant (eż. darba kull (2) sentejn).
(7) L-Antimonju (Sb) huwa monitorjat biss fl-unitajiet tal-ikkrekkjar katalitiku meta tintuża l-injezzjoni tal-Sb fil-proċess (eż. għall-passivazzjoni tal-metalli).
(8) Bl-eċċezzjoni tal-unitajiet tal-kombustjoni li jaħarqu biss il-fjuwils gassużi.

BAT 5. Il-BAT għandhom jimmonitorjaw il-parametri tal-proċess rilevanti marbuta mal-emissjonijiet li jniġġsu, fl-ikkrekkjar katalitiku u l-unitajiet tal-kombustjoni bl-użu ta' tekniki xierqa u b'mill-inqas il-frekwenza mogħtija hawn taħt.

| Deskrizzjoni | Frekwenza minima |
|---|---|
| Monitoraġġ tal-parametri marbuta mal-emissjonijiet li jniġġsu, eż. il-kontenut tal-$O_2$ fil-gass mit-tromba ta' ċumnija, il-kontenut ta' N u S fil-fjuwil jew l-alimentazzjoni (1) | Kontinwazzjoni għall-kontenut ta' $O_2$.<br>Għall-kontenut ta' N u S, perjodiku bi frekwenza bbażata fuq bidliet sinifikanti fil-fjuwil/alimentazzjoni |

(1) Il-monitoraġġ ta' N u S fil-fjuwil jew l-alimentazzjoni jista' ma jkunx meħtieġ meta jitwettaq kejl kontinwu tal-emissjonijiet ta' $NO_X$ u $SO_2$ fiċ-ċumnija.

BAT 6. Il-BAT għandhom jimmonitorjaw l-emissjonijiet diffużi ta' VOC fl-arja mis-sit kollu bl-użu tat-tekniki kollha li ġejjin:

i. metodi ta' xamm assoċjati ma' kurvi ta' korrelazzjoni għat-tagħmir ewlieni:

ii. tekniki ottiċi ta' immaġni għall-gass;

iii. kalkoli ta' emissjonijiet kroniċi bbażati fuq fatturi ta' emissjonijiet perjodikament (eż. darba kull sentejn) ivvalidati minn kejl.

L-iskrinjar u l-kwantifikazzjoni tal-emissjonijiet tas-sit permezz ta' kampanji perjodiċi b'tekniċi ottiċi bbażati fuq l-assorbiment, bħad-detezzjoni u l-kejl tad-distanza permezz tad-dawl u l-assorbiment differenzjali (DIAL) jew il-fluss tal-ħabi solari (SOF) huwa teknika komplimentari utli.

Deskrizzjoni

Ara t-Taqsima 1.20.6.

1.1.5. *Tħaddim tas-sistemi tat-trattament tal-gass ta' skart*

BAT 7. Sabiex jiġu evitati jew jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-arja, il-BAT għandhom joperaw l-unitajiet tat-tneħħija tal-gass aċiduż, l-unitajiet tal-irkupru tal-kubrit u s-sistemi l-oħra kollha ta' trattament tal-gass ta' skart b'disponibbiltà għolja u b'kapaċità ottimali.

Deskrizzjoni

Il-proċeduri speċjali jistgħu jiġu definiti għall-kundizzjonijiet ta' operat li mhumiex dawk normali, b'mod partikolari:

i. matul l-operazzjonijiet ta' bidu u ta' tmiem;

ii. matul ċirkostanzi oħrajn li jistgħu jaffettwaw il-funzjonament tajjeb tas-sistemi (eż. ix-xogħol ta' manutenzjoni regolari u straordinarju u l-operazzjonijiet ta' tindif tal-unitajiet u/jew tas-sistema ta' trattament tal-gass ta' skart);

iii. fil-każ ta' fluss insuffiċjenti tal-gass ta' skart jew temperatura li jipprevjenu l-użu tas-sistema ta' trattament tal-gass ta' skart b'kapaċità sħiħa.

BAT 8. Sabiex jiġu evitati u jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-ammonijaka ($NH_3$) fl-arja meta jiġu applikati t-tekniki ta' tnaqqis katalitiku selettiv (SCR) jew tnaqqis mhux katalitiku selettiv (SNCR), il-BAT għandhom iżommu kundizzjonijiet tal-operat xierqa tas-sistemi ta' trattament tal-gass ta' skart b'SCR jew b'SCNR, bl-għan li jiġu limitati l-emissjonijiet ta' $NH_3$ li ma rreaġġixxux.

Livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT: Ara t-Tabella 2.

*Tabella 2*

**Livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT għall-emissjonijiet tal-ammonijaka ($NH_3$) fl-arja għal unità ta' kombustjoni jew proċess fejn jintużaw it-tekniki ta' SCR jew SNCR**

| Parametru | BAT-AEL (medja ta' kull xahar) mg/Nm$^3$ |
|---|---|
| Ammonijaka expressa bħala $NH_3$ | < 5 – 15 (1) (2) |

(1) In-naħa ta' fuq tal-medda hija assoċjata ma' konċentrazzjonijiet ogħla fid-dħul ta' $NO_X$, rati ta' tnaqqis ogħla ta' $NO_X$ u t-tixjiħ tal-katalizzatur.
(2) In-naħa t'isfel tal-medda hija assoċjata mal-użu tat-teknika SCR.

BAT 9. Sabiex jiġu evitati u jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-arja meta tintuża unità ta' tqaxxir bil-fwar tal-ilma sulfurat, il-BAT għandhom iwasslu l-effluwent gassuż minn din l-unità għal SRU jew sistema ta' trattament tal-gass ekwivalenti.

Mhijiex BAT li għandha tinċinera direttament il-gassijiet tat-tqaxxir tal-ilma sulfurat.

1.1.6. *Monitoraġġ tal-emissjonijiet fl-ilma*

BAT 10. BAT għandhom jimmonitorjaw l-emissjonijiet fl-ilma billi jużaw tekniki ta' monitoraġġ b'mill-inqas il-frekwenza mogħtija fit-Tabella 3) u skont l-istandards EN. Jekk ma jkunux disponibbli standards EN, il-BAT għandhom jużaw ISO, standards nazzjonali jew internazzjonali oħrajn li jiżguraw il-provvista ta' dejta ta' kwalità xjentifika ekwivalenti.

1.1.7. *Emissjonijiet fl-ilma*

BAT 11. Sabiex jitnaqqas il-konsum tal-ilma u l-volum ta' ilma kkontaminat, il-BAT għandhom jużaw it-tekniki kollha ta' hawn taħt.

| Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|
| i. Integrazzjoni tal-fluss tal-ilma | It-tnaqqis tal-ilma tal-proċess prodott fil-livell tal-unità qabel ir-rilaxx mill-użu mill-ġdid intern tal-flussi tal-ilma minn eż. it-tkessiħ, il-kondensati, speċjalment għall-użu fit-tneħħija tal-melħ fiż-żejt mhux raffinat | Ġeneralment applikabbli għall-unitajiet ġodda. Għall-unitajiet eżistenti, l-applikabbiltà tista' tirrikjedi bini mill-ġdid totali tal-unità jew tal-installazzjoni |

| Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|
| ii. Sistema tal-ilma u tad-drenaġġ għas-segregazzjoni tal-flussi tal-ilma kkontaminati | Disinn ta' sit industrijali għall-ottimizzazzjoni tal-ġestjoni tal-ilma, fejn kull fluss jiġi trattat kif xieraq permezz ta' eż. l-ipprogrammar tar-rotta tal-ilma sulfurat iġġenerat (mill-unitajiet ta' distillazzjoni, krekkjar, kokkjar, eċċ.) għall-pretrattament xieraq, bħal unità tat-tqaxxir | Ġeneralment applikabbli għall-unitajiet ġodda. Għall-unitajiet eżistenti, l-applikabbiltà tista' tirrikjedi bini mill-ġdid totali tal-unità jew tal-installazzjoni |
| iii. Segregazzjoni tal-flussi tal-ilma mhux ikkontaminati (eż. it-tkessiħ f'darba, l-ilma tax-xita) | Disinn ta' sit sabiex jiġi evitat li l-ilma mhux ikkontaminat jintbagħat lit-trattament ġenerali tal-ilma mormi u sabiex ikun hemm rilaxx separat wara l-użu mill-ġdid possibbli għal dan it-tip ta' fluss | Ġeneralment applikabbli għall-unitajiet ġodda.<br>Għall-unitajiet eżistenti, l-applikabbiltà tista' tirrikjedi bini mill-ġdid totali tal-unità jew tal-installazzjoni |
| iv. Prevenzjoni ta' tixrid u tnixxiji | Prattiki li jinkludu l-użu ta' proċeduri speċjali u/jew tagħmir temporanju biex jinżammu l-prestazzjonijiet meta meħtieġ għall-ġestjoni ta' ċirkustanzi speċjali bħal tixrid, telf ta' konteniment, eċċ. | Ġeneralment applikabbli |

BAT 12. Sabiex jitnaqqas il-piż tal-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu fir-rilaxx tal-ilma mormi lill-korp ta' ilma li jirċievi, il-BAT għandhom ineħħu s-sustanzi li jniġġsu li ma jinħallux u li jinħallu bl-użu tat-tekniki kollha ta' hawn taħt.

| Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|
| i. Tneħħija tas-sustanzi li ma jinħallux billi jiġi rkuprat iż-żejt | Ara t-Taqsima 1.21.2. | Ġeneralment applikabbli |
| ii. Tneħħija tas-sustanzi li ma jinħallux billi jiġu rkuprati s-solidi sospiżi u ż-żejt mifrux | Ara t-Taqsima 1.21.2. | Ġeneralment applikabbli |
| iii. Tneħħija tas-sustanzi li jinħallu inkluż it-trattament bijoloġiku u l-kjarifikazzjoni | Ara t-Taqsima 1.21.2. | Ġeneralment applikabbli |

Livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT: Ara t-Tabella 3.

BAT 13. Meta tkun meħtieġa tneħħija ulterjuri ta' sustanzi organiċi jew nitroġenu, il-BAT iridu jużaw pass addizzjonali ta' trattament kif deskritt fit-Taqsima 1.21.2.

*Tabella 3*

**Livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT għar-rilaxxi diretti tal-ilma mormi mir-raffinar taż-żejt minerali u l-gass u l-frekwenzi ta' monitoraġġ assoċjati mal-BAT** [1]

| Parametru | Unità | BAT-AEL (medja ta' kull sena) | Frekwenza [2] tal-monitoraġġ u metodu analitiku (standard) |
|---|---|---|---|
| Indiċi taż-żejt tal-idrokarburi (HOI) | mg/l | 0,1 – 2,5 | Kuljum<br>EN 9377- 2 [3] |
| Solidi totali sospiżi (TSS) | mg/l | 5 – 25 | Kuljum |
| Domanda kimika ta' ossiġenu (COD) [4] | mg/l | 30 – 125 | Kuljum |

| Parametru | Unità | BAT-AEL (medja ta' kull sena) | Frekwenza ([2]) tal-monitoraġġ u metodu analitiku (standard) |
|---|---|---|---|
| $BOD_5$ | mg/l | L-ebda BAT-AEL | Kull ġimgħa |
| Nitroġenu totali ([5]), espress bħala N | mg/l | 1 – 25 ([6]) | Kuljum |
| Ċomb, espress bħala Pb | mg/l | 0,005 – 0,030 | Kull tliet xhur |
| Kadmju, espress bħala Cd | mg/l | 0,002 – 0,008 | Kull tliet xhur |
| Nikil, espress bħala Ni | mg/l | 0,005 – 0,100 | Kull tliet xhur |
| Merkurju, espress bħala Hg | mg/l | 0,000 1 – 0,001 | Kull tliet xhur |
| Vanadju | mg/l | L-ebda BAT-AEL | Kull tliet xhur |
| Indiċi tal-fenol | mg/l | L-ebda BAT-AEL | Kull xahar<br>EN 14402 |
| Benżen, toluwen, etil benżen, ksilen (BTEX) | mg/l | Benżen: 0,001 – 0,050<br>L-eba BAT-AEL għal T, E, X | Kull xahar |

([1]) Mhux il-parametri u l-frekwenzi tal-kampjunar kollha huma applikabbli għall-effluwent mis-siti tar-raffinar tal-gass.
([2]) Jirreferi għal kampjun aggregat proporzjonali għall-fluss meħud f'perjodu ta' 24 siegħa jew, sakemm tintwera stabbiltà suffiċjenti tal-fluss, minn kampjun proporzjonali għall-ħin.
([3]) Il-bidla mill-metodu attwali għal EN 9377-2 tista' tirrikjedi perjodu ta' adattament.
([4]) Meta l-korrelazzjoni fuq il-post tkun disponibbli, COD tista' tiġi sostitwita b'TOC. Il-korrelazzjoni bejn COD u TOC għandha tiġi elaborata fuq bażi skont il-każ. Il-monitoraġġ tat-TOC hija l-għażla preferuta minħabba li ma tiddependix fuq l-użu ta' komposti tossiċi ħafna.
([5]) Fejn in-nitroġenu totali huwa s-somma ta' nitorġenu Kjeldahl totali (TKN), nitrati u nitriti.
([6]) Meta tintuża n-nitrifikazzjoni/id-dentrifikazzjoni, jistgħu jinkisbu livelli taħt 15 mg/l.

1.1.8. *Ġenerazzjoni u ġestjoni tal-iskart*

BAT 14. Sabiex tiġi evitata jew, fejn din ma tkunx prattikabbli, biex titnaqqas il-ġenerazzjoni tal-iskart, il-BAT għandhom jadottaw u jimplimentaw pjan ta' ġestjoni tal-iskart li, f'ordni ta' prijorità, jiżgura li l-iskart jitħejja għall-użu mill-ġdid, għar-riċiklaġġ, għall-irkupru jew għar-rimi.

BAT 15. Sabiex jitnaqqas l-ammont ta' ħama li jrid jiġi trattat jew mormi, il-BAT iridu jużaw waħda mit-tekniki mogħtija hawn taħt jew taħlita tagħhom.

| Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|
| i. Pretrattament tal-ħama | Qabel it-trattament finali (eż. f'inċineratur bil-bażi fluwida), jitneħħa l-ilma u/jew iż-żejt mill-ħama (permezz ta' eż. dikanters ċentrifugi jew magni li jnixxfu bil-fwar) sabiex jitnaqqas il-volum tiegħu u biex jiġi rkuprat iż-żejt mit-tagħmir għall-irkuprar ta' żejt slop | Ġeneralment applikabbli |
| ii. Użu mill-ġdid tal-ħama fl-unitajiet tal-proċessi | Ċerti tipi ta' ħama (eż. ħama żejtnija) jistgħu jiġu pproċessati f'unitajiet (eż. l-ikkokkjar) bħala parti tal-alimentazzjoni minħabba l-kontenut tagħhom ta' żejt | L-applikabbiltà hija ristretta għall-ħama li tista' tissodisfa r-rekwiżiti sabiex tiġi pproċessata f'unitajiet bi trattament xieraq |

BAT 16. Sabiex titnaqqas il-ġenerazzjoni ta' skart katalitiku solidu użat, il-BAT iridu jużaw waħda mit-tekniki mogħtija hawn taħt jew taħlita tagħhom.

| Teknika | Deskrizzjoni |
|---|---|
| i. Ġestjoni tal-katalizzatur solidu użat | Ġestjoni skedata u sikura tal-materjali użati bħala katalizzatur (eż. mill-kuntratturi) sabiex jiġu rkuprati jew jintużaw mill-ġdid f'faċilitajiet mhux fil-post. Dawn l-operazzjonijiet jiddependu fuq it-tip ta' katalizzatur u proċess |
| ii. Tneħħija ta' katalizzatur miż-żejt dikantat li jkun f'forma ta' sospensjoni magħquda | Il-ħama taż-żejt dikantat mill-unitajiet tal-proċessi (eż. unità FCC) jista' jkun fiha konċentrazzjonijiet sinifikanti ta' katalizzaturi fini. Dawn is-sustanzi fini jridu jiġu separati qabel l-użu mill-ġdid ta' żejt dikantat bħala materja prima |

1.1.9. *Storbju*

BAT 17. Sabiex jiġi evitat jew jitnaqqas l-istorbju, il-BAT iridu jużaw waħda mit-tekniki mogħtija hawn taħt jew taħlita tagħhom:

i. issir valutazzjoni tal-istorbju ambjentali u jiġi fformulat pjan għall-ġestjoni tal-istorbju xieraq għall-ambjent lokali;

ii. tagħmir storbjuż/l-operazzjoni storbjuża jingħalqu fi struttura/unità separata;

iii. jintuża ilqugħ biex jissepara s-sors tal-istorbju;

iv. jintużaw ħitan għall-protezzjoni mill-istorbju.

1.1.10. *Konklużjonijiet BAT għall-ġestjoni integrata tar-raffinerija*

BAT 18. Sabiex jiġu evitati jew jitnaqqsu l-emissjonijiet diffużi ta' VOC, il-BAT iridu japplikaw it-tekniki ta' hawn taħt.

| Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|
| I. Tekniki relatati mad-disinn tal-impjant | i. jiġi limitat l-għadd ta' sorsi ta' emissjoni potenzjali<br>ii. jiġu massimizzati l-karatteristiċi ta' konteniment tal-proċess inerenti<br>iii. jintagħżel tagħmir b'integrità għolja<br>iv. jiġu ffaċilitati l-attivitajiet ta' monitoraġġ u manutenzjoni billi jiżguraw l-aċċess għall-komponenti li jistgħu jkunu qed inixxu | L-applikabbiltà tista' tkun limitata għall-unitajiet eżistenti |
| II. Tekniki relatati mad-disinn tal-impjant u l-kummissjonar | i. proċeduri definiti sew għall-kostruzzjoni u l-assemblaġġ<br>ii. proċeduri robusti ta' kummissjonar u ta' trasferiment sabiex jiġi żgurat li l-impjant huwa installat skont ir-rekwiżiti tad-disinn | L-applikabbiltà tista' tkun limitata għall-unitajiet eżistenti |
| III. Tekniki relatati mal-operat tal-impjant | L-użu ta' programm għat-tiswija u d-detezzjoni tat-tixrid (LDAR) ibbażat fuq ir-riskju sabiex jiġu identifikati l-komponenti li qed inixxu, u sabiex jissewwew dawn it-tnixxijiet.<br>Ara t-Taqsima 1.20.6. | Ġeneralment applikabbli |

## 1.2. Konklużjonijiet BAT għall-proċess ta' alkilazzjoni

### 1.2.1. *Proċess ta' alkilazzjoni bl-aċidu fluworidriku*

BAT 19. Sabiex jiġu evitati l-emissjonijiet tal-aċidu fluworidriku (HF) fl-arja mill-proċess ta' alkilazzjoni bl-aċidu fluworidriku, il-BAT għandhom jużaw il-purifikazzjoni umda b'soluzzjoni alkalina sabiex tittratta l-flussi ta' gass mhux kondensabbli qabel l-ivventjar għall-fjakkoli.

Deskrizzjoni

Ara t-Taqsima 1.20.3.

Applikabbiltà:

It-teknika hija ġeneralment applikabbli. Għandhom jiġu kkunsidrati r-rekwiżiti tas-sikurezza, minħabba n-natura perikoluża tal-aċidu fluworidriku

BAT 20. Sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-ilma mill-proċess ta' alkilazzjoni bl-aċidu fluworidriku, il-BAT għandhom jużaw kombinazzjoni tat-tekniki ta' hawn taħt.

| Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|
| i. Stadju ta' preċipitazzjoni/newtralizzazzjoni | Preċipitazzjoni (eż. b'addittivi bbażati fuq il-kalċju jew l-aluminju) jew newtralizzazzjoni (fejn l-effluwent huwa indirettament newtralizzat bl-idrossidu tal-potassju (KOH)) | Ġeneralment applikabbli.<br>Għandhom jiġu kkunsidrati r-rekwiżiti tas-sikurezza, minħabba n-natura perikoluża tal-aċidu fluworidriku (HF) |
| ii. Stadju ta' separazzjoni | Il-komposti li ma jinħallux prodotti fl-ewwel stadju (eż. $CaF_2$ jew $AlF_3$) huma separati f'eż. vaska ta' dikantazzjoni | Ġeneralment applikabbli |

### 1.2.2. *Proċess ta' alkilazzjoni tal-aċidu sulfuriku*

BAT 21. Sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-ilma mill-proċess ta' alkilazzjoni tal-aċidu sulfuriku, il-BAT għandhom inaqsu l-użu tal-aċidu sulfuriku billi jiġġeneraw mill-ġdid l-aċidu użat u jinnewtralizzaw l-ilma mormi ġġenerat b'dan il-proċess qabel ma' jitwassal għat-trattament tal-ilma mormi.

## 1.3. Konklużjonijiet BAT għall-proċessi tal-produzzjoni taż-żejt bażi

BAT 22. Sabiex jiġu evitati u jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-sustanzi perikolużi fl-arja u fl-ilma mill-proċessi ta' produzzjoni taż-żejt bażi, il-BAT għandhom jużaw waħda mit-tekniki ta' hawn taħt jew taħlita tagħhom.

| Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|
| i. Proċess magħluq b'irkupru ta' solvent | Proċess fejn is-solvent, wara li jintuża matul il-manifattura ta' żejt bażi (eż. fl-estrazzjoni, l-unitajiet ta' deparaffinazzjoni), jiġi rkuprat permezz tal-istadji ta' distillazzjoni u tqaxxir.<br>Ara t-Taqsima 1.20.7. | Ġeneralment applikabbli |
| ii. Proċess ta' estrazzjoni ibbażat fuq solvent b'bosta effetti | Proċess ta' estrazzjoni ta' solvent inklużi bosta stadji ta' evaporazzjoni (eż. effett doppju jew tripplu) għal inqas telf ta' konteniment | Ġeneralment applikabbli għall-unitajiet ġodda.<br>L-użu ta' proċess b'effett tripplu jista' jkun ristrett għall-materja prima li ma tħammiġ |

| Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|
| iii. Proċessi tal-unità ta' estrazjoni bl-użu ta' sustanzi inqas perikolużi | Id-disinn (impjanti ġodda) jew l-implimentazzjoni ta' bidliet (f'dawk eżistenti) sabiex l-impjant jopera proċess ta' estrazzjoni tas-solventi bl-użu ta' solvent inqas perikolu eż. il-konverżjoni ta' furfural jew l-estrazzjoni ta' fenol fil-proċess ta' n-metilpirrolidon (NMP) | Ġeneralment applikabbli għall-unitajiet ġodda.<br>Il-konverżjoni ta' unitajiet eżistenti għal proċess ieħor ibbażat fuq solvent bi proprjetajiet fiżiko-kimiċi differenti tista' tirrikjedi modifiki sostanzjali |
| iv. Proċessi kataliticiċi bbażati fuq l-idroġenazzjoni | Proċessi bbażati fuq il-konverżjoni ta' komposti mhux mixtieqa permezz tal-idroġenazzjoni katalitika simili għall-idrotrattament.<br>Ara t-Taqsima 1.20.3. (Idrotrattament) | Ġeneralment applikabbli għall-unitajiet ġodda |

1.4. **Konklużjonijiet BAT għall-proċessi tal-produzzjoni tal-bitumen**

BAT 23. Sabiex jiġu evitati u jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-arja mill-proċess tal-produzzjoni tal-bitumen, il-BAT għandhom jittrattaw il-gass li joħroġ bl-użu ta' waħda mit-tekniki ta' hawn taħt.

| Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|
| i. Ossidazzjoni termali tal-gass li joħroġ b'aktar minn 800 °C | Ara t-Taqsima 1.20.6. | Ġeneralment applikabbli għall-unità tal-infiħ tal-bitumen. |
| ii. Purifikazzjoni umda tal-gass li joħroġ | Ara t-Taqsima 1.20.3. | Ġeneralment applikabbli għall-unità tal-infiħ tal-bitumen. |

1.5. **Konklużjonijiet BAT għall-proċess tal-ikkrekkjar katalitiku fluwidu**

BAT 24. Sabiex jiġu evitati jew jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' $NO_X$ fl-arja mill-proċess tal-ikkrekkjar katalitiku (riġeneratur), il-BAT iridu jużaw waħda mit-tekniki mogħtija hawn taħt jew taħlita tagħhom.

I. Tekniki primarji jew relatati mal-proċess, bħal:

| Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|
| Ottimizzazzjoni tal-proċess u użu ta' promoturi jew addittivi | | |
| i. Ottimizzazzjoni tal-proċess | Kombinazzjoni ta' kundizzjonijiet jew prattiki tal-operat immirati li jnaqqsu l-formazzjoni ta' $NO_X$, eż. it-tnaqqis tal-ossiġenu żejjed fil-gass mit-tromba taċ-ċumnija fil-modalità ta' kombustjoni sħiħa, l-introduzzjoni tal-arja fi stadji tal-bojler tal-CO fil-modalità ta' kombustjoni parzjali, sakemm il-bojler tal-CO ikun iddisinnjat kif xieraq | Ġeneralment applikabbli |
| ii. Promoturi tal-ossidazzjoni ta' $NO_X$ CO baxxi | L-użu ta' sustanza li tippromwovi b'mod selettiv il-kombustjoni ta' CO biss u tevita l-ossidazzjoni tan-nitroġenu li fih is-sustanzi intermedji għal $NO_X$: eż. promoturi mhux tal-platinu | Applikabbli biss fil-modalità ta' kombustjoni sħiħa għas-sostituzzjoni tal-promoturi tal-CO bbażati fuq il-platinu.<br>Tista' tkun meħtieġa distribuzzjoni xierqa tal-arja fir-riġeneratur sabiex jinkiseb il-benefiċċju massimu |

| Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|
| iii. Addittivi speċifiċi għat-tnaqqis ta' $NO_X$ | L-użu ta' addittivi katalitiċi speċifiċi għat-tisħiħ tat-tnaqqis ta' NO bl-CO | Applikabbli biss fil-modalità ta' kombustjoni sħiħa f'disinn xieraq u b'eċċess ta' ossiġenu li jista' jinkiseb. L-applikabbiltà tal-addittivi tat-tnaqqis ta' $NO_X$ ibbażati fuq ir-ram tista' tkun limitata mill-kapaċità tal-kompressur tal-gass |

II. Tekniki sekondarji jew fil-punt tar-rimi, bħal:

| Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|
| i. Tnaqqis katalitiku selettiv (SCR) | Ara t-Taqsima 1.20.2. | Sabiex jiġi evitat it-tniġġis potenzjali downstream, tista' tkun meħtieġa filtrazzjoni addizzjonali upstream tal-SCR.<br>Għall-unitajiet eżistenti, l-applikabbiltà tista' tkun limitata mid-disponibbiltà tal-ispazju |
| ii. Tnaqqis mhux katalitiku selettiv (SNCR) | Ara t-Taqsima 1.20.2. | Għall-FCCs ta' kombustjoni parzjali b'bojlers tal-CO, huwa meħtieġ ħin ta' residenza suffiċjenti fit-temperatura xierqa.<br>Għall-FCCs ta' kombustjoni sħiħa mingħajr bojlers awżiljarji, tista' tkun meħtieġa injezzjoni ta' fjuwil (eż. idroġenu) addizzjonali sabiex ikun hemm qbil ma' medda ta' temperatura aktar baxxa |
| iii. Ossidazzjoni b'temperatura baxxa | Ara t-Taqsima 1.20.2. | Ħtieġa għall-kapaċità addizzjonali ta' purifikazzjoni.<br>Il-ġenerazzjoni tal-ożonu u l-ġestjoni tar-riskji assoċjata jridu jkunu indirizzati sewwa. L-applikabbiltà tista' tkun limitata mill-ħtieġa għal trattament addizzjonali tal-ilma mormi u l-effetti transmedjali relatati (eż. l-emissjonijiet tan-nitrati) u bi provvista insuffiċjenti ta' ossiġenu likwidu (għall-ġenerazzjoni tal-ożonu).<br>L-applikabbiltà tat-teknika tista' tkun limitata mid-disponibbiltà tal-ispazju |

Livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT: Ara t-Tabella 4.

*Tabella 4*

**Livelli tal-emissjonijiet assoċjati mal-BAT għall-emissjonijiet ta' $NO_X$ fl-arja mir-riġeneratur fil-proċess tal-ikkrekkjar katalitiku**

| Parametru | Tip ta' unità/modalità ta' kombustjoni | BAT-AEL (medja ta' kull xahar) $mg/Nm^3$ |
|---|---|---|
| $NO_X$, espress bħala $NO_2$ | Unità ġdida/modalitajiet kollha ta' kombustjoni | < 30 – 100 |
| | Unità eżistenti/modalità ta' kombustjoni sħiħa | < 100 – 300 (1) |
| | Unità eżistenti/modalità ta' kombustjoni parzjali | 100 – 400 (1) |

(1) Meta l-injezzjoni tal-antimonju (Sb) tintuża għall-passivazzjoni tal-metall, jistgħu jseħħu livelli ta' $NO_X$ sa 700 $mg/Nm^3$. Innaha t'isfel tal-medda tista' tinkiseb bl-użu tat-teknika SCR.

Il-monitoraġġ assoċjat huwa fil-BAT 4.

BAT 25. Sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tat-trab u l-metalli fl-arja mill-proċess tal-ikkrekkjar katalitiku (riġeneratur), il-BAT iridu jużaw waħda mit-tekniki mogħtija hawn taħt jew taħlita tagħhom.

I. Tekniki primarji jew relatati mal-proċess, bħal:

| Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|
| i. L-użu ta' katalizzatur reżistenti għall-attrizzjoni | Selezzjoni ta' sustanza katalista li tista' tirreżisti l-brix u l-frammentazzjoni sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tat-trab | Ġeneralment applikabbli sakemm l-attività u s-selettività tal-katalizzatur huma suffiċjenti |
| ii. L-użu ta' materja prima bi ftit kubrit (eż. permezz tas-selezzjoni tal-materja prima jew bl-idrotrattament tal-alimentazzjoni) | Is-selezzjoni tal-materja prima tiffavorixxi l-materja prima bi ftit kubrit fost is-sorsi possibbli li jridu jiġu pproċessati fl-unità.<br>L-idrotrattament jimmira li jnaqqas il-kubrit, in-nitroġenu u l-kontenut tal-metall tal-alimentazzjoni.<br>Ara t-Taqsima 1.20.3. | Tirrikjedi disponibbiltà suffiċjenti ta' materja prima bi ftit kubrit, produzzjoni tal-idroġenu u kapaċità ta' trattament tas-sulfid tal-idroġenu ($H_2S$) (eż. unitajiet tal-ammini u Claus) |

II. Tekniki sekondarji jew fil-punt tar-rimi, bħal:

| Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|
| i. Preċipitatur elettrostatiku (ESP) | Ara t-Taqsima 1.20.1. | Għall-unitajiet eżistenti, l-applikabbiltà tista' tkun limitata mid-disponibbiltà tal-ispazju |
| ii. Separaturi ċiklun b'bosta stadji | Ara t-Taqsima 1.20.1. | Ġeneralment applikabbli |
| iii. Filtru kontrokurrent tat-tielet stadju | Ara t-Taqsima 1.20.1. | L-applikabbiltà tista' tkun ristretta |
| iv. Purifikazzjoni umda | Ara t-Taqsima 1.20.3. | L-applikabbiltà tista' tkun limitata f'żoni niexfa u fil-każ fejn il-prodotti sekondarji mit-trattament (inkluż eż. l-ilma mormi b'livell għoli ta' mluħa) ma jkunux jistgħu jerġgħu jintużaw jew jintremew kif suppost.<br>Għall-unitajiet eżistenti, l-applikabbiltà tista' tkun limitata mid-disponibbiltà tal-ispazju |

Livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT: Ara t-Tabella 5.

*Tabella 5*

**Livelli tal-emissjonijiet assoċjati mal-BAT għall-emissjonijiet tat-trab fl-arja mir-riġeneratur fil-proċess tal-ikkrekkjar katalitiku**

| Parametru | Tip ta' unità | BAT-AEL (medja ta' kull xahar) (1) mg/$Nm^3$ |
|---|---|---|
| Trab | Unità ġdida | 10 – 25 |
| | Unità eżistenti | 10 – 50 (2) |

(1) Huwa eskluż l-infiħ tan-nugrufun fil-bojler tal-CO u permezz tal-apparat għat-tkessiħ tal-gass.
(2) In-naħa t'isfel tal-medda tista' tinkiseb b'ESP b'4 kampijiet.

Il-monitoraġġ assoċjat huwa fil-BAT 4.

BAT 26. Sabiex jiġu evitati jew jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' $SO_X$ fl-arja mill-proċess tal-ikkrekkjar katalitiku (riġeneratur), il-BAT iridu jużaw waħda mit-tekniki mogħtija hawn taħt jew taħlita tagħhom.

I. Tekniki primarji jew relatati mal-proċess, bħal:

| | Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|---|
| i. | Użu ta' addittivi katalisti ta' tnaqqis ta' $SO_X$ | Użu ta' sustanza li tittrasferixxi l-kubrit assoċjat mal-kokk mir-riġeneratur lura lejn ir-reattur.<br>Ara d-deskrizzjoni fit-Taqsima 1.20.3 | L-applikabbiltà tista' tkun ristretta mid-disinn tal-kundizzjonijiet tar-riġeneratur.<br>Tirrikjedi kapaċità tat-tnaqqis tal-sulfid tal-idroġenu xierqa (eż. SRU) |
| ii. | L-użu ta' materja prima bi ftit kubrit (eż. permezz tas-selezzjoni tal-materja prima jew bl-idrotrattament tal-alimentazzjoni) | Is-selezzjoni tal-materja prima tiffavorixxi l-materja prima bi ftit kubrit fost is-sorsi possibbli li jridu jiġu pproċessati fl-unità.<br>L-idrotrattament jimmira li jnaqqas il-kubrit, in-nitroġenu u l-kontenut tal-metall tal-alimentazzjoni.<br>Ara d-deskrizzjoni fit-Taqsima 1.20.3 | Tirrikjedi disponibbiltà suffiċjenti ta' materja prima bi ftit kubrit, produzzjoni tal-idroġenu u kapaċità ta' trattament tas-sulfid tal-idroġenu ($H_2S$) (eż. unitajiet tal-ammini u Claus) |

II. Tekniki sekondarji jew fil-punt tar-rimi, bħal:

| | Tekniki | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|---|
| i. | Purifikazzjoni mhux riġenerattiva | Purifikazzjoni umda jew purifikazzjoni bl-ilma baħar.<br>Ara t-Taqsima 1.20.3. | L-applikabbiltà tista' tkun limitata f'żoni niexfa u fil-każ fejn il-prodotti sekondarji mit-trattament (inkluż eż. l-ilma mormi b'livell għoli ta' mluħa) ma jkunux jistgħu jerġgħu jintużaw jew jintremew kif suppost.<br>Għall-unitajiet eżistenti, l-applikabbiltà tista' tkun limitata mid-disponibbiltà tal-ispazju |
| ii. | Purifikazzjoni riġenerattiva | L-użu ta' reaġent ta' assorbiment ta' $SO_X$ speċifiku (eż. soluzzjoni ta' assorbiment) li ġeneralment jippermetti l-irkupru tal-kubrit bħala prodott sekondarju tul ċiklu ta' riġenerazzjoni meta r-reaġent jerġa' jintuża.<br>Ara t-Taqsima 1.20.3. | L-applikabbiltà hija limitata għall-każ fejn il-prodotti sekondarji riġenerati jistgħu jinbiegħu.<br>Għall-unitajiet eżistenti, l-applikabbiltà tista' tkun limitata mill-kapaċità eżistenti tal-irkupru tal-kubrit kif ukoll mid-disponibbilà tal-ispazju |

Livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT: Ara t-Tabella 6.

*Tabella 6*

**Livelli tal-emissjonijiet assoċjati mal-BAT għall-emissjonijiet ta' $SO_2$ fl-arja mir-riġeneratur fil-proċess tal-ikkrekkjar katalitiku**

| Parametru | Tip ta' unitajiet/modalità | BAT-AEL (medja ta' kull xahar) mg/Nm³ |
|---|---|---|
| $SO_2$ | Unitajiet ġodda | ≤ 300 |
| | Unitajiet eżistenti/kombustjoni sħiħa | < 100 – 800 (1) |
| | Unitajiet eżistenti/kombustjoni parzjali | 100 – 1 200 (1) |

(1) Fejn selezzjoni ta' alimentazzjoni ta' ftit (eż. < 0,5 % w/w) kubrit (jew idrotrattament) u/jew l-purifikazzjoni hija applikabbli, għall-modalitajiet kollha tal-kombustjoni: naħa ta' fuq tal-medda BAT-AEL hija ≤ 600 mg/Nm³.

Il-monitoraġġ assoċjat huwa fil-BAT 4.

BAT 27. Sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-monossidu tal-karbonju (CO) fl-arja mill-proċess tal-ikkrekkjar katalitiku (riġeneratur), il-BAT iridu jużaw waħda mit-tekniki mogħtija hawn taħt jew taħlita tagħhom.

| Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|
| i. Kontroll tal-operazzjoni tal-kombustjoni | Ara t-Taqsima 1.20.5. | Ġeneralment applikabbli |
| ii. Katalizzaturi bil-promoturi tal-ossidazzjoni tal-monossidu tal-karbonju (CO) | Ara t-Taqsima 1.20.5. | Ġeneralment applikabbli biss fil-modalità ta' kombustjoni sħiħa |
| iii. Bojler tal-monossidu tal-karbonju (CO) | Ara t-Taqsima 1.20.5. | Ġeneralment applikabbli biss fil-modalità ta' kombustjoni parzjali |

Livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT: Ara t-Tabella 7.

*Tabella 7*

**Livelli tal-emissjonijiet assoċjati mal-BAT għall-emissjonijiet tal-monossidu tal-karbonju fl-arja mir-riġeneratur fil-proċess tal-ikkrekkjar katalitiku għall-modalità ta' kombustjoni parzjali**

| Parametru | Modalità ta' kombustjoni | BAT-AEL (medja ta' kull xahar) mg/Nm³ |
|---|---|---|
| Monossidu tal-karbonju, espress bħala CO | Modalità ta' kombustjoni parzjali | ≤ 100 (1) |

(1) Hemm il-possibbiltà li dan ma jinkisibx meta l-bojler tal-CO ma jkunx qed jintuża b'tagħbija sħiħa.

Il-monitoraġġ assoċjat huwa fil-BAT 4.

## 1.6. Konklużjonijiet BAT għall-proċess tar-riformar katalitiku

BAT 28. Sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tad-dibenżodiossini poliklorinati/furans (PCDD/F) fl-arja mill-proċess tar-riformar katalitiku, il-BAT iridu jużaw waħda mit-tekniki mogħtija hawn taħt jew taħlita tagħhom.

| Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|
| (i) Għażla tal-promotur katalist | L-użu ta' promotur katalist sabiex titnaqqas il-formazzjoni tad-dibenżodiossini poliklorinati/furans (PCDD/F) matul ir-riġenerazzjoni.<br>Ara t-Taqsima 1.20.7. | Ġeneralment applikabbli |
| (ii) Trattament tal-gass mit-tromba taċ-ċumnija tar-riġenerazzjoni | | |
| a. Ċiklu tar-riċiklaġġ tal-gass għar-riġenerazzjoni b'bażi ta' adsorbiment | Il-gass ta' skart mill-istadju ta' riġenerazzjoni huwa ttrattat sabiex jitneħħew il-komposti klorinati (eż. diossini) | Ġeneralment applikabbli għall-unitajiet ġodda.<br>Għall-unitajiet eżistenti, l-applikabbiltà tista' tiddependi fuq id-disinn attwali tal-unità ta' riġenerazzjoni |
| b. Purifikazzjoni umda | Ara t-Taqsima 1.20.3. | Mhux applikabbli għar-riformaturi semi-riġenerattivi |
| c. Preċipitatur elettrostatiku (ESP) | Ara t-Taqsima 1.20.1. | Mhux applikabbli għar-riformaturi semi-riġenerattivi |

1.7. **Konklużjonijiet BAT għall-proċessi tal-ikkokkjar**

BAT 29. Sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-arja mill-proċessi tal-produzzjoni tal-ikkokkjar, il-BAT iridu jużaw waħda mit-tekniki mogħtija hawn taħt jew taħlita tagħhom:

Tekniki primarji jew relatati mal-proċess, bħal:

| Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|
| i. Ġbir u riċiklaġġ tas-sustanzi fini tal-ikkokkjar | Ġbir u riċiklaġġ sistematiku tas-sustanzi fini tal-ikkokkjar iġġenerati matul il-proċess kollu tal-ikkokkjar (tħaffir, ġestjoni, tifrik, tkessiħ, eċċ.) | Ġeneralment applikabbli |
| ii. Ġestjoni u ħażna tal-kokk skont BAT 3 | Ara BAT 3. | Ġeneralment applikabbli |
| iii. Użu ta' sistema magħluqa bi tnaqqis tal-pressjoni | Sistema ta' twaqqif għat-tnaqqis tal-pressjoni miċ-ċilindri tal-kokk | Ġeneralment applikabbli |
| iv. Irkupru tal-gass (inkluż l-ivventjar qabel maċ-ċilindru jinfetaħ lill-atmosfera) bħala komponent tal-gass kombustibbli tar-raffinerija (RFG) | It-twettiq tal-ivventjar miċ-ċilindru tal-kokk lill-kompressur tal-gass biex jiġi rkuprat bħala RFG, aktar milli l-ivvampjar.<br>Għall-proċess ta' flessikokkjar, huwa meħtieġ stadju ta' konverżjoni (għall-konverżjoni tas-sulfid tal-karbonil (COS) fi $H_2S$) qabel it-trattament tal-gass mill-unità tal-ikkokkjar | Għall-unitajiet eżistenti, l-applikabbiltà tat-tekniki tista' tkun limitata mid-disponibbiltà tal-ispazju |

BAT 30. Sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' $NO_X$ fl-arja mill-proċess tal-kalċinazzjoni ta' kokk mhux maħdum, il-BAT iridu jużaw tnaqqis mhux katalitiku selettiv (SNCR).

Deskrizzjoni

Ara t-Taqsima 1.20.2.

Applikabbiltà

L-applikabbiltà tat-teknika tal-SNCR (speċjalment fir-rigward tal-ħin ta' residenza u l-medda tat-temperatura) tista' tkun ristretta minħabba l-ispeċifiċità tal-proċess ta' kalċinazzjoni.

BAT 31. Sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' $SO_X$ fl-arja mill-proċess tal-kalċinazzjoni ta' kokk mhux maħdum, il-BAT iridu jużaw waħda mit-tekniki mogħtija hawn taħt jew taħlita tagħhom.

| Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|
| i. Purifikazzjoni mhux riġenerattiva | Purifikazzjoni umda jew purifikazzjoni bl-ilma baħar.<br>Ara t-Taqsima 1.20.3. | L-applikabbiltà tista' tkun limitata f'żoni niexfa u fil-każ fejn il-prodotti sekondarji mit-trattament (inkluż eż. l-ilma mormi b'livell għoli ta' mluħa) ma jkunux jistgħu jerġgħu jintużaw jew jintremew kif suppost.<br>Għall-unitajiet eżistenti, l-applikabbiltà tista' tkun limitata mid-disponibbiltà tal-ispazju |
| ii. Purifikazzjoni riġenerattiva | L-użu ta' reaġent ta' assorbiment ta' $SO_X$ speċifiku (eż. soluzzjoni ta' assorbiment) li ġeneralment jippermetti l-irkupru tal-kubrit bħala prodott sekondarju tul ċiklu ta' riġenerazzjoni meta r-reaġent jerġa' jintuża.<br>Ara t-Taqsima 1.20.3. | L-applikabbiltà hija limitata għall-każ fejn il-prodotti sekondarji riġenerati jistgħu jinbiegħu.<br>Għall-unitajiet eżistenti, l-applikabbiltà tista' tkun limitata mill-kapaċità eżistenti tal-irkupru tal-kubrit kif ukoll mid-disponibbiltà tal-ispazju |

BAT 32. Sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tat-trab fl-arja mill-proċess tal-kalċinazzjoni ta' kokk mhux maħdum, il-BAT iridu jużaw kombinazzjoni tat-tekniki mogħtija hawn taħt.

| Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|
| i. Preċipitatur elettrostatiku (ESP) | Ara t-Taqsima 1.20.1 | Għall-unitajiet eżistenti, l-applikabbiltà tista' tkun limitata mid-disponibbiltà tal-ispazju.<br>Għall-produzzjoni tal-kalċinazzjoni tal-kokk bil-grafit jew anodu, l-applikabbiltà tista' tkun ristretta minħabba r-reżistenza għolja tal-partikoli tal-kokk |
| ii. Separaturi ċiklun b'bosta stadji | Ara t-Taqsima 1.20.1 | Ġeneralment applikabbli |

Livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT: Ara t-Tabella 8

*Tabella 8*

**Livelli tal-emissjonijiet assoċjati mal-BAT għall-emissjonijiet tat-trab minn unità għall-kalċinazzjoni ta' kokk mhux maħdum**

| Parametru | BAT-AEL<br>(medja ta' kull xahar)<br>$mg/Nm^3$ |
|---|---|
| Trab | 10 – 50 (1) (2) |

(1) In-naħa t'isfel tal-medda tista' tinkiseb b'ESP b'4 kampijiet.
(2) Meta ESP ma tkunx applikabbli, jistgħu jseħħu valuri sa 150 $mg/Nm^3$.

Il-monitoraġġ assoċjat huwa fil-BAT 4.

1.8. **Konklużjonijiet BAT għall-proċessi tat-tneħħija tal-melħ**

BAT 33. Sabiex jitnaqqas il-konsum tal-ilma u l-emissjonijiet fl-ilma mill-proċess tat-tneħħija tal-melħ, il-BAT iridu jużaw waħda mit-tekniki msemmija hawn taħt jew taħlita tagħhom.

| Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|
| i. Riċiklaġġ tal-ilma u ottimizzazzjoni tal-proċess tat-tneħħija tal-melħ | Grupp ta' prattiki tajba tat-tneħħija tal-melħ bl-għan li jtejbu l-effiċjenza tal-unità li tneħħi l-melħ u jnaqqsu l-użu tal-ilma tal-ħasil eż. l-użu ta' mezzi għat-taħlit b'saħħa ta' tiċrit (shear) baxxa, pressjoni baxxa tal-ilma. Tinkludi l-ġestjoni tal-parametri ewlenin għall-istadji tal-ħasil (eż. taħlit tajjeb) u s-separazzjoni (eż. pH, densità, viskożità, potenzjal tal-kamp elettriku għall-koalexxenza) | Ġeneralment applikabbli |
| ii. Unità għat-tneħħija tal-melħ b'bosta stadji | L-unitajiet għat-tneħħija tal-melħ b'bosta stadji joperaw biż-żieda tal-ilma u d-deidrazzjoni, ripetuti permezz ta' żewġ stadji jew aktar għall-kisba ta' effiċjenza aħjar fis-separazzjoni u għalhekk inqas korrużjoni fi proċessi ulterjuri | Applikabbli għall-unitajiet ġodda |
| iii. Stadju ta' separazzjoni addizzjonali | Separazzjoni addizzjonali msaħħa għaż-żejt/ilma u s-solidi/ilma ddisinjata għat-tnaqqis taċ-ċarġ taż-żejt għall-impjant tat-trattament tal-ilma mormi u r-riċiklaġġ tiegħu fil-proċess. Din tinkludi eż. ċilindru ta' dikantazzjoni, l-użu ta' kontrolluri tal-livell tal-interfaċċja ottimali | Ġeneralment applikabbli |

1.9. **Konklużjonijiet BAT għall-unitajiet tal-kombustjoni**

BAT 34. Sabiex jiġu evitati jew jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' $NO_X$ fl-arja mill-unitajiet tal-kombustjoni, il-BAT iridu jużaw waħda mit-tekniki msemmija hawn taħt jew taħlita tagħhom.

I. Tekniki primarji jew relatati mal-proċess, bħal:

| Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|
| i. Selezzjoni jew trattament tal-fjuwil | | |
| (a) Użu tal-gass għas-sostituzzjoni tal-fjuwil likwidu | Il-gass ġeneralment fih inqas nitroġenu minn likwidu u l-kombustjoni tiegħu twassal għal livell aktar baxx ta' emissjonijiet ta' $NO_X$. Ara t-Taqsima 1.20.3 | L-applikabbiltà tista' tkun limitata mir-restrizzjonijiet assoċjati mad-disponibbiltà ta' fjuwils tal-gass bi ftit kubrit, li tista' tiġi affettwata mill-politika dwar l-enerġija tal-Istat Membru |
| (b) Użu ta' żejt kombustibbli tar-raffinerija (RFO) bi ftit nitroġenu eż. permezz tas-selezzjoni tal-RFO jew l-idrotrattament tal-RFO | Is-selezzjoni taż-żejt kombustibbli tar-raffinerija tiffavorixxi l-fjuwils likwidi bi ftit nitroġenu fost is-sorsi possibbli li jridu jintużaw fl-unità. L-idrotrattament jimmira li jnaqqas il-kubrit, in-nitroġenu u l-kontenut tal-metall tal-fjuwil. Ara t-Taqsima 1.20.3 | L-applikabbiltà hija limitata mid-disponibbiltà ta' fjuwils likwidi bi ftit nitroġenu, il-produzzjoni tal-idroġenu u kapaċità ta' trattament tas-sulfid tal-idroġenu ($H_2S$) (eż. unitajiet tal-ammini u Claus) |

| Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|
| ii. Modifiki tal-kombustjoni | | |
| (a) Kombustjoni fi stadji:<br>— l-introduzzjoni tal-arja fi stadji<br>— l-introduzzjoni tal-fjuwil fi stadji | Ara t-Taqsima 1.20.2 | L-introduzzjoni tal-fjuwil fi stadji għat-tqabbid imħallat jew likwidu tista' tirrikjedi disinn speċifiku tal-berner |
| (b) Ottimizzazzjoni tal-kombustjoni | Ara t-Taqsima 1.20.2 | Ġeneralment applikabbli |
| (c) Riċirkolazzjoni tal-gass tat-tromba taċ-ċumnija | Ara t-Taqsima 1.20.2 | Applikabbli permezz tal-użu ta' berners speċifiċi b'riċirkolazzjoni interna tal-gass tat-tromba taċ-ċumnija<br>L-applikabbiltà tista' tkun ristretta għażżieda tar-riċirkolazzjoni esterna tal-gass tat-tromba taċ-ċumnija fl-unitajiet b'modalità ta' operazzjoni tal-kurrent sfurzata/indotta |
| (d) Injezzjoni dilwenti | Ara t-Taqsima 1.20.2 | Ġeneralment applikabbli għat-turbini tal-gass fejn ikunu disponibbli dilwenti inerti xierqa |
| (e) Użu ta' berners bi ftit $NO_X$ (LNB) | Ara t-Taqsima 1.20.2 | Ġeneralment applikabbli għall-unitajiet ġodda filwaqt li titqies il-limitazzjoni speċifika għall-fjuwil (eż. għaż-żejt tqil).<br>Għall-unitajiet eżistenti, l-applikabbiltà tista' tkun ristretta mill-kumplessità kkawżata mill-kundizzjonijiet speċifiċi għas-sit eż. id-disinn tal-ifran, l-apparat ta' madwaru.<br>F'każijiet speċifiċi ħafna jistgħu jkunu meħtieġa modifiki sostanzjali.<br>L-applikabbiltà tista' tkun ristretta għall-ifran fil-proċess tal-ikkokkjar imdewwem, minħabba ġenerazzjoni possibbli tal-kokk fl-ifran.<br>Fit-turbini tal-gass, l-applikabbiltà hija ristretta għall-fjuwils b'kontenut baxx ta' idroġenu (ġeneralment < 10 %) |

II. Tekniki sekondarji jew fil-punt tar-rimi, bħal:

| Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|
| i. Tnaqqis katalitiku selettiv (SCR) | Ara t-Taqsima 1.20.2 | Ġeneralment applikabbli għall-unitajiet ġodda.<br>Għall-unitajiet eżistenti, l-applikabbiltà tista' tkun limitata minħabba r-rekwiżiti għal spażju sinifikanti u injezzjoni reattiva ottimali |
| ii. Tnaqqis mhux katalitiku selettiv (SNCR) | Ara t-Taqsima 1.20.2 | Ġeneralment applikabbli għall-unitajiet ġodda.<br>Għall-unitajiet eżistenti, l-applikabbiltà tista' tkun limitata minħabba r-rekwiżit għall-medda tat-temperatura u l-ħin ta' residenza li għandhom jintlaħqu mill-injezzjoni reattiva |

| Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|
| iii. Ossidazzjoni b'temperatura baxxa | Ara t-Taqsima 1.20.2 | L-applikabbiltà tista' tkun limitata mill-ħtieġa għal kapaċità addizzjonali ta' purifikazzjoni u mill-fatt li l-ġenerazzjoni tal-ożonu u l-ġestjoni tar-riskji assoċjata jridu jkunu indirizzati sewwa.<br>L-applikabbiltà tista' tkun limitata mill-ħtieġa għal trattament addizzjonali tal-ilma mormi u l-effetti transmedjali relatati (eż. l-emissjonijiet tan-nitrati) u bi provvista insuffiċjenti ta' ossiġenu likwidu (għall-ġenerazzjoni tal-ożonu).<br>Għall-unitajiet eżistenti, l-applikabbiltà tat-teknika tista' tkun limitata mid-disponibbiltà tal-ispazju |
| iv. Teknika kombinata ta' $SNO_X$ | Ara t-Taqsima 1.20.4 | Applikabbli biss għall-fluss għoli ta' gass mit-tromba taċ-ċumnija (eż. > 800 000 $Nm^3/h$) u meta t-tnaqqis kombinat ta' $NO_X$ u $SO_X$ huwa meħtieġ |

Livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT: Ara t-Tabella 9, it-Tabella 10 u t-Tabella 11.

*Tabella 9*

**Livelli tal-emissjonijiet assoċjati mal-BAT għall-emissjonijiet ta' $NO_X$ fl-arja minn turbina tal-gass**

| Parametru | Tip ta' tagħmir | BAT-AEL ([1])<br>(medja ta' kull xahar)<br>$mg/Nm^3$ fi 15 % $O_2$ |
|---|---|---|
| $NO_X$ espress bħala $NO_2$ | Turbina tal-gass (inkluża t-turbina tal-gass b'ċiklu kkombinat — CCGT) u turbina b'ċiklu kombinat b'gassifikazzjoni integrata (IGCC) | 40 – 120<br>(turbina eżistenti) |
| | | 20 – 50<br>(turbina ġdida) ([2]) |

([1]) BAT-AEL jirreferi għall-emissjonijiet kombinati mit-turbina tal-gass u l-bojler tat-tqabbid supplimentari għall-irkupru, meta jkun preżenti.
([2]) Għall-fjuwil b'kontenut għoli ta' $H_2$ (jiġifieri aktar minn 10 %), in-naħa ta' fuq tal-medda hija 75 $mg/Nm^3$.

Il-monitoraġġ assoċjat huwa fil-BAT 4.

*Tabella 10*

**Livelli tal-emissjonijiet assoċjati mal-BAT għall-emissjonijiet ta' $NO_X$ fl-arja minn unità ta' kombustjoni mqabbda bil-gass, bl-eċċezzjoni tat-turbini tal-gass**

| Parametru | Tip ta' kombustjoni | BAT-AEL<br>(medja ta' kull xahar)<br>$mg/Nm^3$ |
|---|---|---|
| $NO_X$, espress bħala $NO_2$ | Tqabbid bil-gass | 30 – 150<br>għal unità eżistenti ([1]) |
| | | 30 – 100<br>għal unità ġdida |

([1]) Għal unità eżistenti li tuża tisħin minn qabel għoli bl-arja (jiġifieri > 200 °C) jew b'kontenut ta' $H_2$ fil-gass kombustibbli ogħla minn 50 %, in-naħa ta' fuq tal-medda ta' BAT-AEL hija 200 $mg/Nm^3$.

Il-monitoraġġ assoċjat huwa fil-BAT 4.

*Tabella 11*

**Livelli tal-emissjonijiet assoċjati mal-BAT għall-emissjonijiet ta' $NO_X$ fl-arja minn unità ta' kombustjoni mqabbda b'bosta fjuwils bl-eċċezzjoni tat-turbini tal-gass**

| Parametru | Tip ta' kombustjoni | BAT-AEL (medja ta' kull xahar) mg/Nm³ |
|---|---|---|
| $NO_X$, espress bħala $NO_2$ | Unità ta' kombustjoni b'bosta fjuwils | 30 – 300<br>għal unità eżistenti (¹) (²) |

(¹) Għall-unitajiet eżistenti < 100 MW żejt tal-kombustjoni għat-tqabbid b'kontenut ta' nitroġenu ogħla minn 0,5 % (w/w) jew bl-użu ta' tqabbid likwidu > 50 % jew l-użu tat-tisħin minn qabel tal-arja, jistgħu jseħħu valuri sa 450 mg/Nm³.
(²) In-naħa t'isfel tal-medda tista' tinkiseb bl-użu tat-teknika SCR.

Il-monitoraġġ assoċjat huwa fil-BAT 4.

BAT 35. Sabiex jiġu evitati jew jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' trab u metall fl-arja mill-unitajiet tal-kombustjoni, il-BAT iridu jużaw waħda mit-tekniki mogħtija hawn taħt jew taħlita tagħhom.

I. Tekniki primarji jew relatati mal-proċess, bħal:

| Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|
| i. Selezzjoni jew trattament tal-fjuwil | | |
| (a) Użu tal-gass għas-sostituzzjoni tal-fjuwil likwidu | Kombustjoni bil-gass minflok likwidu twassal għal livell aktar baxx ta' emissjonijiet ta' trab<br>Ara t-Taqsima 1.20.3 | L-applikabbiltà tista' tkun limitata mir-restrizzjonijiet assoċjati mad-disponibbiltà ta' fjuwils bi ftit kubrit bħall-gass naturali, li tista' tiġi affettwata mill-politika dwar l-enerġija tal-Istat Membru |
| (b) Użu ta' żejt kombustibbli tar-raffinerija (RFO) bi ftit kubrit eż. permezz tas-selezzjoni tal-RFO jew l-idrotrattament tal-RFO | Is-selezzjoni taż-żejt kombustibbli tar-raffinerija tiffavorixxi l-fjuwils likwidi bi ftit kubrit fost is-sorsi possibbli li jridu jintużaw fl-unità.<br>L-idrotrattament jimmira li jnaqqas il-kubrit, in-nitroġenu u l-kontenut tal-metall tal-fjuwil.<br>Ara t-Taqsima 1.20.3 | L-applikabbiltà tista' tkun limitata mid-disponibbiltà ta' fjuwils likwidi bi ftit kubrit, il-produzzjoni tal-idroġenu u l-kapaċità ta' trattament tas-sulfid tal-idroġenu ($H_2S$) (eż. unitajiet tal-ammini u Claus) |
| ii. Modifiki tal-kombustjoni | | |
| (a) Ottimizzazzjoni tal-kombustjoni | Ara t-Taqsima 1.20.2 | Ġeneralment applikabbli għat-tipi kollha ta' kombustjoni |
| (b) Atomizzazzjoni tal-fjuwil likwidu | Użu ta' pressjoni għolja biex jitnaqqas id-daqs tal-qtar tal-fjuwil likwidu.<br>Id-disinni reċenti tal-berners ottimali ġeneralment jinkludu l-atomizzazzjoni tal-fwar | Ġeneralment applikabbli għat-tqabbid fil-fjuwil likwidu |

II. Tekniki sekondarji jew fil-punt tar-rimi, bħal:

| Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|
| i. Preċipitatur elettrostatiku (ESP) | Ara t-Taqsima 1.20.1 | Għall-unitajiet eżistenti, l-applikabbiltà tista' tkun limitata mid-disponibbiltà tal-ispazju |
| ii. Filtru kontrokurrent tat-tielet stadju | Ara t-Taqsima 1.20.1 | Ġeneralment applikabbli |
| iii. Purifikazzjoni umda | Ara t-Taqsima 1.20.3 | L-applikabbiltà tista' tkun limitata f'żoni niexfa u fil-każ fejn il-prodotti sekondarji mit-trattament (inkluż eż. l-ilma mormi b'livell għoli ta' melħ) ma jkunux jistgħu jerġgħu jintużaw jew jintremew kif suppost. Għall-unitajiet eżistenti, l-applikabbiltà tat-teknika tista' tkun limitata mid-disponibbiltà tal-ispazju |
| iv. Apparti għall-ħasil ċentrifugi | Ara t-Taqsima 1.20.1 | Ġeneralment applikabbli |

Livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT: Ara t-Tabella 12.

*Tabella 12*

**Livelli tal-emissjonijiet assoċjati mal-BAT għall-emissjonijiet ta' trab fl-arja minn unità ta' kombustjoni mqabbda b'bosta fjuwils bl-eċċezzjoni tat-turbini tal-gass**

| Parametru | Tip ta' kombustjoni | BAT-AEL (medja ta' kull xahar) mg/$Nm^3$ |
|---|---|---|
| Trab | Tqabbid b'bosta fjuwils | 5 – 50<br>għal unità eżistenti (1) (2) |
| | | 5 – 25<br>għal unità ġdida < 50 MW |

(1) In-naħa t'isfel tal-medda tista' tinkiseb għall-unitajiet bl-użu tat-tekniki fil-punt tar-rimi.
(2) In-naħa ta' fuq tal-medda tirreferi għall-użu ta' perċentwal għoli ta' żejt li qed jinħaraq u fejn it-tekniki primarji biss huma applikabbli.

Il-monitoraġġ assoċjat huwa fil-BAT 4.

BAT 36. Sabiex jiġu evitati jew jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' $SO_X$ fl-arja mill-unitajiet tal-kombustjoni, il-BAT iridu jużaw waħda mit-tekniki mogħtija hawn taħt jew taħlita tagħhom.

I. Tekniki primarji jew relatati mal-proċess, ibbażati fuq selezzjoni jew trattament tal-fjuwil, bħal:

| Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|
| i. Użu tal-gass għas-sostituzzjoni tal-fjuwil likwidu | Ara t-Taqsima 1.20.3 | L-applikabbiltà tista' tkun limitata mir-restrizzjonijiet assoċjati mad-disponibbiltà ta' fjuwils bi ftit kubrit bħall-gass naturali, li tista' tiġi affettwata mill-politika dwar l-enerġija tal-Istat Membru |

| Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|
| ii. Trattament tal-gass kombustibbli tar-raffinerija (RFG) | Il-konċentrazzjoni residwa ta' $H_2S$ fl-RFG tiddependi fuq il-parametru tal-proċess ta' trattament eż. il-pressjoni tal-purifikazzjoni bl-ammini.<br>Ara t-Taqsima 1.20.3 | Għall-gass ta' enerġija baxxa li fih is-sulfid tal-karbonil (COS) eż. mill-unitajiet tal-ikkokkjar, jista' jkun meħtieġ konvertitur qabel it-tneħħija ta' $H_2S$ |
| iii. Użu ta' żejt kombustibbli tar-raffinerija (RFO) bi ftit kubrit eż. permezz tas-selezzjoni tal-RFO jew l-idrotrattament tal-RFO | Is-selezzjoni taż-żejt kombustibbli tar-raffinerija tiffavorixxi l-fjuwils likwidi bi ftit kubrit fost is-sorsi possibbli li jridu jintużaw fl-unità.<br>L-idrotrattament jimmira li jnaqqas il-kubrit, in-nitroġenu u l-kontenut tal-metall tal-fjuwil.<br>Ara t-Taqsima 1.20.3 | L-applikabbiltà hija limitata mid-disponibbiltà ta' fjuwils likwidi bi ftit kubrit, il-produzzjoni tal-idroġenu u l-kapaċità ta' trattament tas-sulfid tal-idroġenu ($H_2S$) (eż. unitajiet tal-ammini u Claus) |

II. Tekniki sekondarji jew fil-punt tar-rimi:

| Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|
| i. Purifikazzjoni mhux riġenerattiva | Purifikazzjoni umda jew purifikazzjoni bl-ilma baħar.<br>Ara t-Taqsima 1.20.3 | L-applikabbiltà tista' tkun limitata f'żoni niexfa u fil-każ fejn il-prodotti sekondarji mit-trattament (inkluż eż. l-ilma mormi b'livell għoli ta' mluħa) ma jkunux jistgħu jerġgħu jintużaw jew jintremew kif suppost.<br>Għall-unitajiet eżistenti, l-applikabbiltà tat-teknika tista' tkun limitata mid-disponibbiltà tal-ispazju |
| ii. Purifikazzjoni riġenerattiva | L-użu ta' reaġent ta' assorbiment ta' $SO_X$ speċifiku (eż. soluzzjoni ta' assorbiment) li ġeneralment jippermetti l-irkupru tal-kubrit bħala prodott sekondarju tul ċiklu ta' riġenerazzjoni meta r-reaġent jerġa' jintuża.<br>Ara t-Taqsima 1.20.3 | L-applikabbiltà hija limitata għall-każ fejn il-prodotti sekondarji riġenerati jistgħu jinbiegħu.<br>Iż-żieda ta' komponent mal-unitajiet eżistenti tista' tkun limitata mill-kapaċità eżistenti tal-irkupru tal-kubrit.<br>Għall-unitajiet eżistenti, l-applikabbiltà tat-teknika tista' tkun limitata mid-disponibbiltà tal-ispazju |
| iii. Teknika kombinata ta' $SNO_X$ | Ara t-Taqsima 1.20.4 | Applikabbli biss għall-fluss għoli ta' gass mit-tromba taċ-ċumnija (eż. > 800 000 $Nm^3/h$) u meta t-tnaqqis kombinat ta' $NO_X$ u $SO_X$ huwa meħtieġ |

Livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT: Ara t-Tabella 13 u t-Tabella 14.

*Tabella 13*

**Livelli tal-emissjonijiet assoċjati mal-BAT għall-emissjonijiet ta' $SO_2$ fl-arja minn unità ta' kombustjoni li taħraq il-gass kombustibbli tar-raffinerija (RFG), bl-eċċezzjoni tat-turbini tal-gass**

| Parametru | BAT-AEL (medja ta' kull xahar) mg/Nm³ |
|---|---|
| $SO_2$ | 5 – 35 ([1]) |

([1]) Fil-konfigurazzjoni speċifika tat-trattament tal-RFG bi pressjoni operattiva ta' purifikazzjoni baxxa u b'gass kombustibbli tar-raffinerija b'proporzjon molari H/C ta' aktar minn 5, in-naħa ta' fuq tal-medda ta' BAT-AEL tista' tkun għolja sa 45 mg/Nm³.

Il-monitoraġġ assoċjat huwa fil-BAT 4.

*Tabella 14*

**Livelli tal-emissjonijiet assoċjati mal-BAT għall-emissjonijiet ta' $SO_2$ fl-arja minn unitajiet ta' kombustjoni mqabbdin b'bosta fjuwils bl-eċċezzjoni tat-turbini tal-gass u l-magni tal-gass stazzjonarji**

Dan il-BAT-AEL jirreferi għall-emissjonijiet medji peżati mill-unitajiet ta' kombustjoni eżistenti mqabbdin b'bosta fjuwils fir-raffinerija, bl-eċċezzjoni tat-turbini tal-gass u l-magni tal-gass stazzjonarji.

| Parametru | BAT-AEL (medja ta' kull xahar) mg/Nm³ |
|---|---|
| $SO_2$ | 35 – 600 |

Il-monitoraġġ assoċjat huwa fil-BAT 4.

BAT 37. Sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-monossidu tal-karbonju (CO) fl-arja mill-unitajiet tal-kombustjoni, il-BAT iridu jużaw kontroll tal-operazzjoni tal-kombustjoni.

Deskrizzjoni

Ara t-Taqsima 1.20.5.

Livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT: Ara t-Tabella 15.

*Tabella 15*

**Livelli tal-emissjonijiet assoċjati mal-BAT għall-emissjonijiet tal-monossidu tal-karbonju fl-arja minn unità ta' kombustjoni**

| Parametru | BAT-AEL (medja ta' kull xahar) mg/Nm³ |
|---|---|
| Monossidu tal-karbonju, espress bħala CO | ≤ 100 |

Il-monitoraġġ assoċjat huwa fil-BAT 4.

1.10. **Konklużjonijiet BAT għall-proċessi tal-eterifikazzjoni**

BAT 38. Sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-arja mill-proċess tal-eterifikazzjoni, il-BAT għandhom jiżguraw it-trattament xieraq tal-effluwent gassuż tal-proċess billi iwassluhom lejn is-sistema tal-gas kombustibbli tar-raffinerija.

BAT 39. Sabiex jiġi evitat it-tfixkil tal-bijotrattament, il-BAT għandhom jużaw tank tal-ħażna u ġestjoni tal-pjan tal-produzzjoni tal-unità xierqa għall-kontroll tal-kontenut maħlul ta' komponenti tossiċi (eż. metanol, aċidu formiku, eteri) tal-fluss tal-ilma mormi qabel it-trattament finali.

1.11. **Konklużjonijiet BAT għall-proċess ta' isomerizzazzjoni**

BAT 40. Sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-arja ta' komposti klorinati, il-BAT għandhom jottimizzaw l-użu tal-komposti organiċi klorinati użati biex tinżamm l-attività katalista meta tali proċess ikun fis-seħħ jew tuża sistemi katalitiċi mhux klorinati.

1.12. **Konklużjonijiet BAT għar-raffinerija tal-gass naturali**

BAT 41. Sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tad-diossidu tal-kubrit fl-arja mill-impjant tal-gass naturali, il-BAT għandhom japplikaw BAT 54.

BAT 42. Sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-ossidi tan-nitroġenu ($NO_X$) fl-arja mill-impjant tal-gass naturali, il-BAT għandhom japplikaw BAT 34.

BAT 43. Sabiex jiġu evitati l-emissjonijiet tal-merkurju meta jkun preżenti fil-gass naturali mhux maħdum, il-BAT għandhom ineħħu l-merkurju u jirkupraw il-ħama li jkun fiha l-merkurju għar-rimi tal-iskart.

1.13. **Konklużjonijiet BAT għall-proċess ta' distillazzjoni**

BAT 44. Sabiex tiġi evitata jew titnaqqas il-ġenerazzjoni tal-fluss tal-ilma mormi mill-proċess ta' distillazzjoni, il-BAT għandhom jużaw pompi li joħolqu vakwu b'ċirku tal-likwidu jew kondensaturi tal-wiċċ.

Applikabbiltà

Tista' ma tkunx applikabbli f'xi każijiet ta' żieda ta' komponenti aktar tard. Għall-unitajiet ġodda, il-pompi li joħolqu vakwu, flimkien jew mhux flimkien ma' espulsuri, jistgħu jkunu meħtieġa sabiex jinkiseb vakwu għoli (10 mm Hg). Barra minn hekk, għandu jkun hemm pompa oħra disponibbli fil-każ li l-pompa li toħloq vakwu ma taħdimx.

BAT 45. Sabiex jiġi evitat jew jitnaqqas it-tniġġis tal-ilma mill-proċess ta' distillazzjoni, il-BAT għandhom iwasslu l-ilma sulfurat lejn l-unità tat-tqaxxir.

BAT 46. Sabiex jiġu evitati jew jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-arja mill-unitajiet tad-distillazzjoni, il-BAT għandhom jiżguraw it-trattament xieraq tal-effluwent gassuż tal-proċess, speċjalment l-effluwent gassuż mhux kondensabbli, permezz tat-tneħħija tal-gass aċiduż qabel l-użu ulterjuri.

Applikabbiltà

Ġeneralment applikabbli għall-unitajiet tad-distillazzjoni mhux raffinata u bil-vakwu. Tista' ma tkunx applikabbli għar-raffineriji awtonomi tal-lubrikanti u l-bitumen b'emissjonijiet ta' inqas minn 1 t/d ta' komposti ta' kubrit. F'konfigurazzjonijiet speċifiċi tar-raffinerija, l-applikabbiltà tista' tkun ristretta, minħabba l-ħtieġa għal eż. pajpijiet kbar, kumpressuri jew kapaċità addizzjonali għat-trattament tal-ammina.

1.14. **Konklużjonijiet BAT għall-proċessi tat-trattament tal-prodotti**

BAT 47. Sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-arja mill-proċess tat-trattament tal-prodotti, il-BAT għandhom jiżguraw ir-rimi kif suppost tal-effluwent gassuż, speċjalment l-arja użata li jkollha riħa mill-unitajiet tat-taħlil, billi iwassluhom għall-qerda, eż. permezz tal-inċinerazzjoni.

Applikabbiltà

Ġeneralment applikabbli għall-proċessi tat-trattament tal-prodotti fejn il-flussi tal-gass jistgħu jiġu pproċessati b'mod sikur għall-unitajiet ta' qerda. Tista' ma tkunx applikabbli għall-unitajiet tat-taħlil, minħabba raġunijiet ta' sikurezza.

BAT 48. Sabiex jitnaqqas il-ħolqien tal-iskart u tal-ilma mormi meta proċess tat-trattament tal-prodotti bl-użu tal-kawstika jkun fis-seħħ, il-BAT għandhom jużaw soluzzjoni kawstika kaskata u ġestjoni globali tal-kawstika użata, inkluż ir-riċiklaġġ wara t-trattament xieraq, eż. bit-tqaxxir.

## 1.15. Konklużjonijiet BAT għall-proċessi ta' ħażna uġestjoni

BAT 49. Sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet VOC fl-arja mill-ħażna ta' komposti tal-idrokarburi likwidi volatili, il-BAT għandhom jużaw tankijiet għall-ħażna fuq saqaf mhux fiss mgħammra b'siġilli ta' effiċjenza għolja jew tank fuq saqaf fiss konness ma' sistema tal-irkupru tal-fwar.

Deskrizzjoni

Is-siġilli b'effiċjenza għolja huma apparat speċifiku għall-limitazzjoni tat-telf ta' fwar, eż. siġilli primarji mtejba, siġilli multipli (sekondarji jew terzjarji) addizzjonali (skont il-kwantità emessa).

Applikabbiltà

L-applikabbiltà tas-siġilli b'effiċjenza għolja tista' tkun ristretta għas-siġilli terzjarji li jitwaħħlu wara fit-tankijiet eżistenti.

BAT 50. Sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' VOC fl-arja mill-ħażna tal-komposti tal-idrokarburi likwidi volatili, il-BAT iridu jużaw waħda mit-tekniki mogħtija hawn taħt jew taħlita tagħhom.

| | Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|---|
| i. | Ħasil manwali tat-tank taż-żejt mhux raffinat | Il-ħasil tat-tank taż-żejt isir minn ħaddiema li jidħlu fit-tank u jneħħu l-ħama manwalment | Ġeneralment applikabbli |
| ii. | Użu ta' sistema ċirkolari magħluqa | Għall-ispezzjonijiet interni, it-tankijiet perjodikament jiġu żvujtati, jinħaslu u magħmula ħielsa mill-gass. Dan il-ħasil jinkludi li jinħall il-qiegħ tat-tank. Is-sistemi ċirkolari magħluqa li jistgħu jiġu kkombinati b'tekniki ta' tnaqqis mobbli fil-punt tar-rimi jevitaw jew inaqqsu l-emissjonijiet tal-VOC | L-applikabbiltà tista' tkun limitata minn eż. it-tip ta' residwi, il-kostruzzjoni tas-saqaf tat-tank jew il-materjali tat-tank |

BAT 51. Sabiex jiġu evitati jew jitnaqqsu l-emissjonijiet fil-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art mill-ħażna tal-komposti tal-idrokarburi likwidi, il-BAT iridu jużaw waħda mit-tekniki mogħtija hawn taħt jew taħlita tagħhom.

| | Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|---|
| i. | Programm ta' manutenzjoni inkluż il-monitoraġġ, il-prevenzjoni u l-kontroll tal-korrużjoni | Sistema ta' ġestjoni inklużi kontrolli għad-detezzjoni tat-tixrid u kontrolli operattivi biex jiġi evitat il-mili żejjed, il-kontroll tal-inventorju u proċeduri ta' spezzjoni bbażati fuq ir-riskji fit-tankijiet f'intervalli sabiex tingħata prova tal-integrità tagħhom, u manutenzjoni biex jitjieb il-konteniment tat-tank. Tinkludi wkoll sistema għar-rispons tal-konsegwenzi tat-tixrid biex taġixxi qabel it-tixrid jasal fl-ilma ta' taħt l-art. Għandha tiġi infurzata b'mod speċjali matul il-perjodi ta' manutenzjoni | Ġeneralment applikabbli |
| ii. | Tankijiet b'qiegħ doppju | Qiegħ impermeabbli ieħor li jipprovdi miżura ta' protezzjoni kontra r-rilaxxi mill-ewwel materjal | Ġeneralment applikabbli għat-tankijiet ġodda u wara l-eżami tat-tankijiet eżistenti (1) |
| iii. | Riti impermeabbli tal-membrana | Ostaklu kontinwu għat-tixrid taħt il-qiegħ kollu tat-tank | Ġeneralment applikabbli għat-tankijiet ġodda u wara l-eżami tat-tankijiet eżistenti (1) |

| Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|
| iv. Konteniment suffiċjenti tal-ħajt ta' protezzjoni madwar iż-żona tat-tankijiet | Ħajt ta' protezzjoni madwar iż-żona tat-tankijiet huwa ddisinjat biex iżomm it-tixrid kbir ikkawżat minn ksur tal-qoxra jew mili żejjed (għal raġunijiet ambjentali u ta' sikurezza). Id-daqs u r-regoli għall-bini assoċjati ġeneralment jiġu definiti mir-regolamenti lokali | Ġeneralment applikabbli |

(1) It-tekniki ii u iii jistgħu ma jkunux ġeneralment applikabbli meta t-tankijiet ikunu dedikati għal prodotti li jirrikjedu s-sħana għall-ġestjoni likwida (eż. bitumen), u meta ma jkunx hemm il-possibbiltà ta' tixrid minħabba s-solidifikazzjoni.

BAT 52. Sabiex jiġu evitati jew jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' VOC fl-arja mill-operazzjonijiet ta' tagħbija u ħatt tal-komposti tal-idrokarburi likwidi volatili, il-BAT iridu jużaw waħda mit-tekniki mogħtija hawn taħt jew taħlita tagħhom sabiex tikseb rata ta' rkupru ta' mill-inqas 95 %.

| Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà (1) |
|---|---|---|
| Irkupru tal-fwar permezz ta':<br>i. Kondensazzjoni<br>ii. Assorbiment<br>iii. Adsorbiment<br>iv. Separazzjoni tal-membrana<br>v. Sistemi ibridi | Ara t-Taqsima 1.20.6 | Ġeneralment applikabbli għall-operazzjonijiet ta' tagħbija/ħatt meta t-throughput annwali huwa > 5 000 m³/sena. Mhux applikabbli għall-operazzjonijiet ta' tagħbija/ħatt għall-bastimenti tal-baħar bi throughput annwali ta' < 1 miljun m³/sena |

(1) Unità tal-qerda tal-fwar (eż. permezz tal-inċinerazzjoni) tista' tiġi sostitwita għal unità għall-irkupru tal-fwar, jekk l-irkupru tal-fwar ma jkunx sikur jew teknikament impossibbli minħabba l-volum tal-fwar li jiġi lura.

Livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT: Ara t-Tabella 16.

*Tabella 16*

**Livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT għall-emissjonijiet tal-VOC mhux tal-metan u tal-benżen fl-arja mill-operazzjonijiet ta' tagħbija u ħatt tal-komposti tal-idrokarburi likwidi volatili**

| Parametru | BAT-AEL<br>(medja ta' kull siegħa) (1) |
|---|---|
| NMVOC | 0,15 – 10 g/Nm³ (2) (3) |
| Benżen (3) | < 1 mg/Nm³ |

(1) Valuri ta' kull siegħa f'operazzjoni kontinwa espressi u mkejla skont id-Direttiva 94/63/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 365, 31.12.1994, p. 24).
(2) Il-valur ta' taħt jinkiseb b'sistemi ibridi b'żewġ stadji. Il-valur ta' fuq jinkiseb b'adsorbiment bi stadju wieħed jew sistema ta' membrana.
(3) Il-monitoraġġ tal-benżen jista' ma jkunx meħtieġ meta l-emissjonijiet ta' NMVOC huma fin-naħa t'isfel tal-medda.

1.16. **Konklużjonijiet BAT għat-tnaqqis tal-viskożità u proċessi termali oħrajn**

BAT 53. Sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-ilma mit-tnaqqis tal-viskożità u proċessi termali oħrajn, il-BAT għandhom jiżguraw it-trattament xieraq tal-flussi tal-ilma mormi bl-applikazzjoni tat-tekniki ta' BAT 11.

### 1.17. Konklużjonijiet BAT għat-trattament tal-kubrit fil-gass ta' skart

BAT 54. Sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-kubrit fl-arja mill-effluwent gassuż li jkun fih is-sulfidi tal-idroġenu ($H_2S$), il-BAT iridu jużaw it-tekniki kollha ta' hawn taħt.

| Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà (1) |
|---|---|---|
| i. Tneħħija tal-gass aċiduż eż. permezz tat-trattament tal-ammina | Ara t-Taqsima 1.20.3 | Ġeneralment applikabbli |
| ii. Unità tal-irkupru tal-kubrit (SRU) eż. permezz tal-proċess Claus | Ara t-Taqsima 1.20.3 | Ġeneralment applikabbli |
| iii. Unità tat-trattament tal-gassijiet residwi (TGTU) | Ara t-Taqsima 1.20.3 | Għaż-żieda ta' komponenti mal-SRU eżistenti, l-applikabbiltà tista' tkun limitata mid-daqs tal-SRU u l-konfigurazzjoni tal-unitajiet u t-tip ta' proċess għall-irkupru tal-kubrit diġà fis-seħħ |

(1) Tista' ma tkunx applikabbli għar-raffineriji awtonomi tal-lubrikanti jew il-bitumen b'rilaxx ta' inqas minn 1 t/d ta' komposti ta' kubrit

Livelli tal-prestazzjoni ambjentali assoċjati mal-BAT (BAT-AEPL): Ara t-Tabella 17.

*Tabella 17*

**Livelli tal-prestazzjoni ambjentali assoċjati mal-BAT għal sistema ta' rkupru tal-kubrit ($H_2S$) mill-gass ta' skart**

| | Livelli tal-prestazzjoni ambjentali assoċjati mal-BAT (medja ta' kull xahar) |
|---|---|
| Tneħħija tal-gass aċiduż | Il-kisba tat-tneħħija tas-sulfidi tal-idroġenu ($H_2S$) fl-RFG trattat sabiex jiġu ssodisfati il-BAT-AEL għat-tqabbid tal-gass għal BAT 36 |
| Effiċjenza tal-irkupru tal-kubrit (1) | Unità ġdida: 99,5 – > 99,9 % |
| | Unità eżistenti: ≥ 98,5 % |

(1) L-effiċjenza tal-irkupru tal-kubrit hija kkalkolata tul il-katina tat-trattament kollha (inklużi l-SRU u t-TGTU) bħala l-frazzjoni ta' kubrit fl-alimentazzjoni li tiġi rkuprata fil-fluss tal-kubrit li jitwassal għall-fosos tal-ġbir.
Meta t-teknika applikata ma tinkludix l-irkupru tal-kubrit (eż. purifikazzjoni bl-ilma baħar), din tirreferi għall-effiċjenza tat-tneħħija tal-kubrit, bħala % ta' kubrit imneħħi mill-katina tat-trattament kollha.

Il-monitoraġġ assoċjat huwa deskritt fi BAT 4.

### 1.18. Konklużjonijiet BAT għall-fjakkoli

BAT 55. Sabiex jiġu evitati l-emissjonijiet fl-arja mill-fjakkoli, il-BAT għandhom jużaw l-ivvampjar biss għal raġunijiet ta' sikurezza jew għall-kundizzjonijiet operattivi mhux normali (eż. il-bidu, it-tmiem).

BAT 56. Sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-arja mill-fjakkoli meta l-ivvampjar ikun inevitabbli, il-BAT għandhom jużaw it-tekniki ta' hawn taħt.

| Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|
| i. Disinn korrett tal-impjant | Ara t-Taqsima 1.20.7 | Applikabbli għall-unitajiet ġodda.<br>Is-sistema għall-irkupru tal-gass tal-fjakkoli tista' tiżdied wara fl-unitajiet eżistenti |
| ii. Ġestjoni tal-impjant | Ara t-Taqsima 1.20.7 | Ġeneralment applikabbli |
| iii. Disinn korrett tal-apparat tal-ivvampjar | Ara t-Taqsima 1.20.7 | Applikabbli għall-unitajiet ġodda |
| iv. Monitoraġġ u rapportar | Ara t-Taqsima 1.20.7 | Ġeneralment applikabbli |

1.19. **Konklużjonijiet BAT għall-ġestjoni integrata tal-emissjonijiet**

BAT 57. Sabiex jinkiseb tnaqqis globali tal-emissjonijiet ta' $NO_X$ fl-arja mill-unitajiet tal-kombustjoni u l-unitajiet tal-ikkrekkjar katalitiku fluwidu (FCC), il-BAT għandhom jużaw teknika ta' ġestjoni integrata tal-emissjonijiet bħala alternattiva tal-applikazzjoni ta' BAT 24 u BAT 34.

Deskrizzjoni

It-teknika tikkonsisti fil-ġestjoni tal-emissjonijiet ta' $NO_X$ minn bosta unitajiet ta' kombustjoni u unitajiet tal-FCC jew kollha kemm huma f'sit ta' raffinerija b'mod integrat, bl-implimentazzjoni u l-operazzjoni tal-aktar kombinazzjoni xierqa ta' BAT fl-unitajiet diversi kkonċernati u l-monitoraġġ tal-effettività tagħhom, b'tali mod li l-emissjonijiet totali li jirriżultaw ikunu ugwali jew inqas mill-emissjonijiet li kienu jinkisbu permezz tal-applikazzjoni f'kull unità tal-BAT-AELs imsemmijin fil-BAT 24 u il-BAT 34.

Din it-teknika hija adattata b'mod speċjali għas-siti tar-raffineriji taż-żejt:

— b'kumplessità tas-sit rikonoxxuta, multipliċità tal-kombustjoni u unitajiet tal-proċess interkonnessi f'termini tal-alimentazzjoni u l-enerġija tagħhom;

— b'aġġustamenti tal-proċess frekwenti rikjesti skont il-kwalità taż-żejt mhux raffinat riċevut;

— b'neċċessità teknika li tuża parti tar-residwi tal-proċess bħala fjuwils interni, u permezz ta' dan ikun hemm aġġustamenti frekwenti tat-taħlita tal-fjuwil skont ir-rekwiżiti tal-proċess.

Livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT: Ara t-Tabella 18.

Barra minn hekk, għal kull unità ta' kombustjoni ġdida jew unità tal-FCC ġdida inkluża fis-sistema ta' ġestjoni tal-emissjonijiet integrata, il-BAT-AELs stabbiliti f'BAT 24 u BAT 34 jibqgħu applikabbli.

*Tabella 18*

**Livelli tal-emissjonijiet assoċjati mal-BAT għall-emissjonijiet ta' NOx fl-arja meta tiġi applikata AT 57**

Il-BAT-AEL għall-emissjonijiet ta' $NO_x$ mill-unitajiet ta' BAT 57, espressi f'mg/Nm³ bħala valur medju ta' kull xahar, huwa ugwali jew inqas mill-medja peżata tal-konċentrazzjonijiet ta' $NO_x$ (espressa f'mg/Nm³ bħala medja ta' kull xahar) li kienet tinkiseb bl-applikazzjoni ta' tekniki fil-prattika f'kull waħda minn dawk l-unitajiet li jippermettu lill-unitajiet ikkonċernati jissodisfaw dan li ġej:

(a) għal proċess tal-unitajiet tal-ikkrekkjar katalitiku (riġeneratur): il-medda tal-BAT-AEL stabbilita fit-Tabella 4 (BAT 24);

(b) għall-unitajiet tal-kombustjoni li jaħarqu kombustibbli tar-raffinerija waħedhom jew flimkien ma' fjuwils oħrajn: il-medda tal-BAT-AEL hija stabbilita fit-Tabelli 9, 10 u 11 (BAT 34).

Dan il-BAT–AEL huwa espress bil-formula li ġejja:

$$\frac{\Sigma\left[(\text{rata tal-fluss tal-gass mit-tromba taċ-ċumnija tal-unità kkonċernata}) \times (\text{konċentrazzjoni ta' } NO_x \text{ li kienet tinkiseb għal dik l-unità})\right]}{\Sigma(\text{rata tal-fluss tal-gass mit-tromba taċ-ċumnija għall-unitajiet kollha kkonċernati})}$$

*Noti:*

1. Il-kundizzjonijiet ta' referenza applikabbli għall-ossiġenu huma dawk speċifikati fit-Tabella 1.
2. L-użin tal-livelli tal-emissjoni tal-unitajiet individwali jsir fuq il-bażi tar-rata tal-fluss tal-gass mit-tromba taċ-ċumnija tal-unità kkonċernata, espressa bħala valur medju ta' kull xahar ($Nm^3$/siegħa), li hija rappreżentattiva għal dik l-unità matul l-operat normali tal-installazzjoni tar-raffinerija (bl-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' referenza taħt in-Nota 1).
3. Fil-każ ta' bidliet sostanzjali u strutturali tal-fjuwil li qed jaffettwaw il-BAT-AEL applikabbli għal unità jew bidliet sostanzjali u strutturali oħrajn fin-natura jew il-funzjonament tal-unitajiet ikkonċernati, jew fil-każ tas-sostituzzjoni jew l-estensjoni tagħhom jew iż-żieda ta' unitajiet ta' kombustjoni jew unitajiet tal-FCC, il-BAT-AEL definit fit-Tabella 18 irid jiġi aġġustat skont dan.

Monitoraġġ assoċjat mal-BAT 57

Il-BAT għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet ta' $NO_x$ taħt teknika ta' ġestjoni tal-emissjonijiet integrata huma bħal f'BAT 4, ikkumplimentati b'dan li ġej:

— pjan ta' monitoraġġ inkluża deskrizzjoni tal-proċessi mmonitorjati, lista tas-sorsi ta' emissjoni u l-flussi tas-sors (prodotti, gassijiet ta' skart) immonitorjati għal kull proċess u deskrizzjoni tal-metodoloġija (kalkoli, kejl) użata u s-suppożizzjonijiet sottostanti u l-livell assoċjat ta' konfidenza;

— monitoraġġ kontinwu tar-rati tal-fluss tal-gass mit-tromba taċ-ċumnija tal-unitajiet ikkonċernati, permezz ta' kejl dirett jew b'metodu ekwivalenti;

— sistema għall-ġestjoni tad-dejta għall-ġbir, l-ipproċessar u r-rapportar tad-dejta kollha ta' monitoraġġ meħtieġa biex jiġu determinati l-emissjonijiet mis-sorsi koperti mit-teknika ta' ġestjoni tal-emissjonijiet integrata.

BAT 58. Sabiex jinkiseb tnaqqis kumplessiv tal-emissjonijiet ta' $SO_2$ fl-arja mill-unitajiet tal-kombustjoni, l-unitajiet tal-ikkrekjar katalitiku fluwidu (FCC) u l-unitajiet ta' rkupru tal-kubrit mill-gassijiet ta' skart, il-BAT għandhom jużaw teknika ta' ġestjoni tal-emissjoni integrata bħala alternattiva għall-applikazzjoni ta' BAT 26, BAT 36 u BAT 54.

Deskrizzjoni

It-teknika tikkonsisti fil-ġestjoni tal-emissjonijiet ta' $SO_2$ minn bosta unitajiet ta' kombustjoni, unitajiet tal-FCC u unitajiet tal-irkupru tal-kubrit mill-gassijiet ta' skart jew kollha kemm huma f'sit ta' raffinerija b'mod integrat, bl-implimentazzjoni u t-tħaddim tal-aktar kombinazzjoni xierqa ta' BAT fl-unitajiet diversi kkonċernati u l-monitoraġġ tal-effettività tagħhom, b'tali mod li l-emissjonijiet totali li jirriżultaw ikunu ugwali jew inqas mill-emissjonijiet li kienu jinkisbu permezz tal-applikazzjoni f'kull unità tal-BAT-AELs imsemmijin fil-BAT 26 u l-BAT 36 kif ukoll il-BAT-AEPL stabbilit fil-BAT 54.

Din it-teknika hija adattata b'mod speċjali għas-siti tar-raffineriji taż-żejt:

— b'kumplessità tas-sit rikonoxxuta, multipliċità tal-kombustjoni u unitajiet tal-proċess interkonnessi f'termini tal-alimentazzjoni u l-enerġija tagħhom;

— b'aġġustamenti tal-proċess frekwenti rikjesti skont il-kwalità taż-żejt mhux raffinat riċevut;

— b'neċċessità teknika li tuża part tar-residwi tal-proċess bħala fjuwils interni, u permezz ta' dan ikun hemm aġġustamenti frekwenti tat-taħlita tal-fjuwil skont ir-rekwiżiti tal-proċess.

Livell ta' emissjonijiet assoċjat mal-BAT: Ara t-Tabella 19.

Barra minn hekk, għal kull unità ġdida tal-kombustjoni, unità FCC ġdida unità tal-irkupru tal-kubrit mill-gassijiet ta' skart ġdida inkluż fis-sistema ta' ġestjoni tal-emissjonijiet integrata, il-BAT-AELs stipulati f'BAT 26 u BAT 36 u l-BAT-AEPL stipulati f'BAT 54 jibqgħu applikabbli.

*Tabella 19*

**Livelli tal-emissjonijiet assoċjati mal-BAT għall-emissjonijiet ta' $SO_2$ fl-arja meta tiġi applikata BAT 58**

Il-BAT-AEL għall-emissjonijiet ta' $SO_2$ mill-unitajiet ta' BAT 58, espressi f'mg/Nm³ bħala valur medju ta' kull xahar, huwa ugwali jew inqas mill-medja peżata tal-konċentrazzjonijiet ta' $SO_2$ (espressa f'mg/Nm³ bħala medja ta' kull xahar) li kienet tinkiseb bl-applikazzjoni ta' tekniki fil-prattika f'kull waħda minn dawk l-unitajiet li jippermettu lill-unitajiet ikkonċernati jissodisfaw dan li ġej:

(a) għal proċess tal-unitajiet tal-ikkrekkjar katalitiku (riġeneratur): il-medda tal-BAT-AEL stabbilita fit-Tabella 6 (BAT 26);

(b) għall-unitajiet tal-kombustjoni li jaħarqu kombustibbli tar-raffinerija waħedhom jew flimkien ma' fjuwils oħrajn: il-medda tal-BAT-AEL hija stabbilita fit-Tabella 13 u t-Tabella 14 (BAT 36); u

(c) għal unitajiet tal-irkupru tal-kubrit mill-gassijiet ta' skart: il-medda tal-BAT-AEPL stabbiliti fit-Tabella 17 (BAT 54).

Dan il-BAT–AEL huwa espress bil-formula li ġejja:

$$\frac{\Sigma\left[(\text{rata tal-fluss tal-gass mit-tromba taċ-ċumnija tal-unità kkonċernata}) \times (\text{konċentrazzjoni ta' } SO_2 \text{ li kienet tinkiseb għal dik l-unità})\right]}{\Sigma(\text{rata tal-fluss tal-gass mit-tromba taċ-ċumnija għall-unitajiet kollha kkonċernati})}$$

*Noti:*

1. Il-kundizzjonijiet ta' referenza applikabbli għall-ossiġenu huma dawk speċifikati fit-Tabella 1.

2. L-użin tal-livelli tal-emissjoni tal-unitajiet individwali jsir fuq il-bażi tar-rata tal-fluss tal-gass mit-tromba taċ-ċumnija tal-unità kkonċernata, espressa bħala l-valur medju ta' kull xahar (Nm³/siegħa), li hija rappreżentattiva għall-operat normali ta' dik l-unità fl-installazzjoni tar-raffinerija (bl-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' referenza taħt in-Nota 1).

3. Fil-każ ta' bidliet sostanzjali u strutturali tal-fjuwil li qed jaffettwaw il-BAT-AEL applikabbli għal unità jew bidliet sostanzjali u strutturali oħrajn fin-natura jew il-funzjonament tal-unitajiet ikkonċernati, jew fil-każ tas-sostituzzjoni, l-estensjoni tagħhom jew iż-żieda ta' unitajiet ta' kombustjoni, tal-FCC jew tal-ikupru tal-kubrit mill-gassijiet ta' skart, il-BAT-AEL definit fit-Tabella 19 irid jiġi aġġustat skont dan.

Monitoraġġ assoċjat mal-BAT 58

Il-BAT għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet ta' $SO_2$ taħt approċċ ta' ġestjoni tal-emissjonijiet integrata hija bħal f'BAT 4, ikkumplimentata b'dan li ġej:

— pjan ta' monitoraġġ inkluża deskrizzjoni tal-proċessi mmonitorjati, lista tas-sorsi ta' emissjoni u l-flussi tas-sors (prodotti, gassijiet ta' skart) immonitorjati għal kull proċess u deskrizzjoni tal-metodoloġija (kalkoli, kejl) użata u s-suppożizzjonijiet sottostanti u l-livell assoċjat ta' konfidenza;

— monitoraġġ kontinwu tar-rati tal-fluss tal-gass mit-tromba taċ-ċumnija tal-unitajiet ikkonċernati, permezz ta' kejl dirett jew b'metodu ekwivalenti;

— sistema għall-ġestjoni tad-dejta għall-ġbir, l-ipproċessar u r-rapportar tad-dejta kollha ta' monitoraġġ meħtieġa biex jiġu determinati l-emissjonijiet mis-sorsi koperti mit-teknika ta' ġestjoni tal-emissjonijiet integrata.

GLOSSARJU

1.20. **Deskrizzjoni tat-tekniki għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-emissjonijiet fl-arja**

1.20.1. *Trab*

| Teknika | Deskrizzjoni |
|---|---|
| Preċipitatur elettrostatiku (ESP) | Il-preċipitaturi elettrostatiċi joperaw sabiex il-partikoli jiġu ċċarġjati u sseparati taħt l-influwenza ta' kamp elettriku. Il-preċipitaturi elettrostatiċi jistgħu joperaw taħt medda wiesgħa ta' kundizzjonijiet. |

| Teknika | Deskrizzjoni |
|---|---|
| | L-effiċjenza tat-tnaqqis tista' tiddependi fuq l-għadd ta' kampijiet, il-ħin ta' residenza (daqs), il-proprjetajiet katalisti u l-apparat għat-tneħħija tal-partikoli upstream.<br>Fl-unitajiet tal-FCC normalment jintużaw l-ESPs bi 3 kampijiet u ESPs b'4 kampijiet.<br>L-ESPs jistgħu jintużaw b'modalità niexfa jew b'injezzjoni tal-ammonijaka sabiex jitjieb il-ġbir tal-partikoli.<br>Għall-kalċinazzjoni tal-kokk mhux maħdum, l-effiċjenza tal-ġbir tal-ESP tista' tonqos minħabba d-diffikultà li jiġu ċċarġjati elettrikament il-partikoli tal-kokk. |
| Separaturi ċiklun b'bosta stadji | Apparat tal-ġbir ċikloniku jew sistema installata wara ż-żewġ stadji taċ-ċikluni. Ġeneralment magħruf bħala separatur tat-tielet stadju u l-konfigurazzjoni komuni tikkonsisti f'reċipjent wieħed li jkun fih bosta ċikluni konvenzjonali jew teknoloġija mtejba b'tubu spirali. Għall-FCC, il-prestazzjoni tiddependi l-aktar fuq il-konċentrazzjoni tal-partikoli u d-distribuzzjoni tad-daqs tal-katalizzaturi fini downstream taċ-ċikluni interni tar-riġeneratur |
| Apparat għall-ħasil ċentrifugi | L-apparat għall-ħasil ċentrifugi jikkombina l-prinċipju taċ-ċiklun u kuntatt intensiv mal-ilma eż. l-apparat għall-ħasil venturi |
| Filtru kontrokurrent tat-tielet stadju | Filtri taċ-ċeramika jew tal-metall sinterizzat bil-fluss bil-kontra (kontrokurrent) fejn, wara li jinżammu fil-wiċċ bħala massa magħquda, is-solidi jinqalgħu billi jinbeda fluss bil-kontra. Is-solidi li jinqalgħu mbagħad jitneħħew mis-sistema tal-filtru |

1.20.2. *Ossidi tan-nitroġenu ($NO_X$)*

| Teknika | Deskrizzjoni |
|---|---|
| Modifiki tal-kombustjoni | |
| Kombustjoni fi stadji | — L-introduzzjoni tal-arja fi stadji — tinvolvi t-tqabbid substojkjometriku fl-ewwel stadju u ż-żieda sussegwenti tal-arja jew l-ossiġenu li jkun fadal fil-forn biex tiġi kkompletata l-kombustjoni<br>— L-introduzzjoni tal-fjuwil fi stadji — fjamma primarja b'impulsjoni baxxa tiġi żviluppata fil-punt tad-dħul; fjamma sekondarja tkopri l-għeruq tal-fjamma primarja u tnaqqsilha t-temperatura ċentrali |
| Riċirkolazzjoni tal-gass tat-tromba taċ-ċumnija | Injezzjoni mill-ġdid tal-gass ta' skart mill-forn fil-fjamma biex jitnaqqas il-kontenut tal-ossiġenu u għalhekk it-temperatura tal-fjamma.<br>Berners speċjali li jużaw iċ-ċirkolazzjoni mill-ġdid interna tal-gassijiet tal-kombustjoni biex tkessaħ l-għerq tal-fjammi u tnaqqas il-kontenut tal-ossiġenu fl-aktar parti sħuna tal-fjammi |
| Użu ta' berners bi ftit $NO_X$ (LNB) | It-teknika (inklużi l-berners b'veru ftit $NO_X$) hija bbażata fuq il-prinċipji tat-tnaqqis tal-aktar temperaturi għoljin tal-fjamma, id-dewmien iżda l-ikkompletar tal-kombustjoni u ż-żieda tat-trasferiment tas-sħana (emissività miżjuda tal-fjamma). Tista' tiġi assoċjata ma' disinn modifikat tal-kamra tal-kombustjoni tal-form. Id-disinn ta' berners b'$NO_X$ baxx ħafna (ULNB) jinkludi t-tqassim tal-kombustjoni fi stadji (arja/fjuwil) u ċ-ċirkolazzjoni mill-ġdid tal-gass mit-tromba taċ-ċumnija. Il-berners niexfa bi ftit $NO_X$ (DLNB) jintużaw għat-turbini tal-gass |
| Ottimizzazzjoni tal-kombustjoni | Fuq il-bażi tal-monitoraġġ permanenti tal-parametri tal-kombustjoni xierqa (eż. $O_2$, kontenut ta' CO, proporzjoni ta' fjuwil u arja (jew ossiġenu), komponenti mhux maħruqin), it-teknika tuża t-teknoloġija tal-kontroll għall-kisba tal-aħjar kundizzjonijiet ta' kombustjoni |

| Teknika | Deskrizzjoni |
|---|---|
| Injezzjoni dilwenti | Id-dilwenti inerti, eż. il-gass fit-tromba taċ-ċumnija, il-fwar, l-ilma, in-nitroġenu miżjuda mat-tagħmir ta' kombustjoni jnaqqsu t-temperatura tal-fjamma u konsegwentement il-konċentrazzjoni ta' $NO_X$ fil-gassijiet fit-tromba taċ-ċumnija |
| Tnaqqis katalitiku selettiv (SCR) | It-teknika hija bbażata fuq it-tnaqqis ta' $NO_X$ għal nitroġenu f'bażi katalitika permezz tar-reazzjoni mal-ammonijaka (b'mod ġenerali soluzzjoni milwiema) b'temperatura ta' operat ottimali ta' madwar 300 – 450 °C.<br>Jistgħu jiġu applikati saff wieħed jew tnejn ta' katalizzatur. Tnaqqis ogħla ta' $NO_X$ jinkiseb bl-użu ta' ammonti ogħla ta' katalizzatur (żewġ saffi) |
| Tnaqqis mhux katalitiku selettiv (SNCR) | It-teknika hija bbażata fuq it-tnaqqis ta' $NO_X$ għal nitroġenu permezz tar-reazzjoni mal-ammonijaka jew l-urea b'temperatura għolja.<br>Il-medda tat-temperatura tal-operat trid tinżamm bejn 900 °C u 1 050 °C għal reazzjoni ottimali |
| Ossidazzjoni ta' $NO_X$ f'temperatura baxxa | Il-proċess ta' ossidazzjoni b'temperatura baxxa jinjetta l-ożonu fi fluss tal-gass fit-tromba taċ-ċumnija f'temperaturi ottimali taħt 150 °C, għall-ossidazzjoni tal-NO u l-$NO_2$ għal $N_2O_5$ li jinħallu ħafna. $N_2O_5$ jitneħħa f'purifikatur umdu permezz tal-formazzjoni ta' ilma mormi tal-aċidu nitriku dilwit li jista' jintuża fil-proċessi tal-impjant jew jiġi newtralizzat għar-rilaxx u jista' jeħtieġ tneħħija addizzjonali ta' nitroġenu |

1.20.3. *Ossidi tal-kubrit ($SO_X$)*

| Teknika | Deskrizzjoni |
|---|---|
| Trattament tal-gass kombustibbli tar-raffinerija (RFG) | Xi gassijiet kombustibbli tar-raffinerija jistgħu jkunu ħielsa mill-kubrit fis-sors (eż. mill-proċessi ta' riformar katalitiku u isomerizzazzjoni) iżda l-maġġoranza tal-proċessi l-oħra jipproduċu gassijiet li jkun fihom il-kubrit (eż. l-effluwent gassuż mill-unitajiet tat-tnaqqis tal-viskożità, tal-idrotrattatur jew tal-ikkrekkjar katalitiku). Dawn il-flussi tal-gass jirrikjedu trattament xieraq għat-tneħħija tal-kubrit (eż. bit-tneħħija tal-gass aċiduż –ara hawn taħt — biex jitneħħa l-$H_2S$) qabel ma jiġu rilaxxati fis-sistema tal-gass kombustibbli tar-raffinerija |
| Tneħħija tal-kubrit miż-żejt kombustibbli tar-raffinerija (RFO) bl-idrotrattament | Minbarra s-selezzjoni taż-żejt mhux raffinat bi ftit kubrit, it-tneħħija tal-kubrit mill-fjuwil tinkiseb permezz tal-proċess ta' idrotrattament (ara hawn taħt) fejn ir-reazzjonijiet tal-idroġenazzjoni jseħħu u jwasslu għal tnaqqis fil-kontenut tal-kubrit |
| Użu tal-gass għas-sostituzzjoni tal-fjuwil likwidu | Jitnaqqas l-użu tal-fjuwil tar-raffinerija likwidu (ġeneralment żejt kombustibbli tqil li jkun fih il-kubrit, in-nitroġenu, il-metalli, eċċ) billi jiġi sostitwit b'Gass Likwifikat miż-Żejt (LPG) jew gass kombustibbli tar-raffinerija (RFG) jew bi fjuwil gassuż ipprovdut esternament (eż. gass naturali) b'livell baxx ta' kubrit u sustanzi mhux mextieqa oħrajn. Fil-livell tal-unità ta' kombustjoni individwali, taħt it-tqabbid b'bosta fjuwils, huwa meħtieġ livell minimu ta' tqabbid likwidu sabiex tiġi żgurata l-istabbiltà tal-fjamma |
| Użu ta' addittivi katalisti li jnaqqsu l-$SO_X$ | Użu ta' sustanza (eż. katalizzatur tal-ossidi metalliċi) li tittrasferixxi l-kubrit assoċjat mal-kokk mir-riġeneratur lura lejn ir-reattur. Topera bl-aktar mod effiċjenti fil-modalità ta' kombustjoni sħiħa aktar milli f'modalità ta' kombustjoni parzjali profonda.<br>NB: L-addittivi katalisti li jnaqqsu l-$SO_X$ jistgħu jkollhom effett detrimentali fuq l-emissjonijiet tat-trab billi jżidu t-telf tal-katalizzaturi minħabba l-attrizzjoni, u fuq l-emissjonijiet ta' $NO_X$ billi jipparteċipaw fil-promozzjoni ta' CO, flimkien mal-ossidazzjoni ta' $SO_2$ għal $SO_3$ |

| Teknika | Deskrizzjoni |
|---|---|
| Idrotrattament | Fuq il-bażi tar-reazzjonijiet ta' idroġenazzjoni, l-idrotrattament l-aktar jimmira lejn il-produzzjoni ta' fjuwils bi ftit kubrit (eż. 10 ppm gażolina u diżil) u l-ottimizzazzjoni tal-konfigurazzjoni tal-proċess (konverżjoni tar-residwi tqal u produzzjoni tad-distillati tan-nofs). Inaqqas il-kubrit, in-nitroġenu u l-kontenut tal-metall tal-alimentazzjoni. Billi huwa meħtieġ l-idroġenu, hija meħtieġa kapaċità ta' produzzjoni suffiċjenti. Billi t-teknika tittrasferixxi l-kubrit mill-alimentazzjoni għas-sulfid tal-idroġenu ($H_2S$) fil-gass tal-proċess, il-kapaċità tat-trattament (eż. l-unitajiet tal-ammini u Claus) possibbilment tista' tkun ostaklu ukoll |
| Tneħħija tal-gass aċiduż eż. permezz tat-trattament tal-ammina | Separazzjoni tal-gass aċiduż (l-aktar is-sulfid tal-idroġenu) mill-gassijiet kombustibbli billi jinħall f'solvent kimiku (assorbiment). Is-solventi l-aktar użati huma l-ammini. Dan huwa ġeneralement l-ewwel stadju tat-trattament meħtieġ qabel il-kubrit elementali jkun jista' jiġi rkuprat fl-SRU |
| Unità tal-irkupru tal-kubrit (SRU) | Unità speċifika li ġeneralment tikkonsisti fi proċess Claus għat-tneħħija tal-kubrit tal-flussi tal-gass b'ħafna sulfid tal-idroġenu ($H_2S$) mill-unitajiet ta' trattament bl-ammini u l-apparat tat-tqaxxir bl-ilma sulfurat.<br>L-SRU ġeneralment tiġi segwita b'unità tat-trattament tal-gassijiet residwi (TGTU) għat-tneħħija tal-$H_2S$ li jkun fadal |
| Unità tat-trattament tal-gassijiet residwi (TGTU) | Familja ta' tekniki, addizzjonali għall-SRU sabiex tissaħħaħ it-tneħħija tal-komposti tal-kubrit. Jistgħu jitqassmu f'erba' kategoriji skont il-prinċipji applikati:<br>— ossidazzjoni diretta għall-kubrit<br>— kontinwazzjoni tar-reazzjoni Claus (kundizzjonijiet taħt il-punt tan-nida)<br>— ossidazzjoni ta' $SO_2$ u rkupru tal-kubrit minn $SO_2$<br>— tnaqqis ta' $H_2S$ u rkupru tal-kubrit minn dan l-$H_2S$ (eż. proċess tal-amina) |
| Purifikazzjoni umda | Fil-proċess ta' purifikazzjoni umda, il-komposti gassużi jinħallu f'likwidu adattat (ilma jew soluzzjoni alkalina). It-tneħħija simultanja tal-komposti solidi u gassużi tista' tinkiseb. Downstream mill-purifikatur umdu, il-gassijiet tat-tromba taċ-ċumnija huma saturati bl-ilma u hija meħtieġa separazzjoni tal-qtar qabel ma jiġu rilaxxati l-gassijiet mit-tromba taċ-ċumnija. Il-likwidu li jirriżulta għandu jiġi trattat bi proċess tal-ilma mormi u l-materja li ma tinħallx tinġabar permezz tas-sedimentazzjoni jew il-filtrazzjoni<br>Skont it-tip ta' soluzzjoni ta' purifikazzjoni, din tista' tkun:<br>— teknika mhux reġenerattiva (eż. ibbażata fuq is-sodju jew il-manjeżju)<br>— teknika reġenerattiva (eż. ibbażata fuq l-ammini jew karbonat tas-sodju)<br>Skont il-metodu ta' kuntatt, it-tekniki varji jistgħu jirrikjedu eż.:<br>— Venturi bl-użu tal-enerġija mill-gass tad-dħul billi jiġi sprejjat bil-likwidu<br>— torrijiet ippakkjati, torrijiet bil-pjanċi, kmamar għall-isprejjar.<br>Meta l-purifikaturi huma prinċipalment maħsuba għat-tneħħija ta' $SO_X$, huwa meħtieġ disinn xieraq biex jitneħħa wkoll it-trab.<br>L-effiċjenza tat-tneħħija indikattiva tipika ta' $SO_x$ hija fil-medda ta' 85-98 %. |
| Purifikazzjoni mhux riġenerattiva | Soluzzjoni bbażata fuq is-sodju jew il-manjeżju tintuża bħala reaġent alkalin għall-assorbiment ta' $SO_x$ ġeneralment bħala sulfati. It-tekniki huma bbażati fuq eż.:<br>— ġir umdu<br>— ammonijaka milwiema<br>— ilma baħar (ara infra) |

| Teknika | Deskrizzjoni |
|---|---|
| Purifikazzjoni bl-ilma baħar | Tip speċifiku ta' purifikazzjoni mhux riġenerattiva bl-użu tal-alkalinità tal-ilma baħar bħala solvent. Ġeneralment tirrikjedi tnaqqis upstream tat-trab |
| Purifikazzjoni riġenerattiva | L-użu ta' reaġent ta' assorbiment ta' $SO_x$ speċifiku (eż. soluzzjoni ta' assorbiment) li ġeneralment jippermetti l-irkupru tal-kubrit bħala prodott sekondarju tul ċiklu ta' riġenerazzjoni meta r-reaġent jerġa' jintuża |

1.20.4. *Tekniki kombinati ($SO_x$, $NO_x$ u trab)*

| Teknika | Deskrizzjoni |
|---|---|
| Purifikazzjoni umda | Ara t-Taqsima 1.20.3 |
| Teknika kombinata ta' $SNO_X$ | Teknika kombinata għat-tneħħija ta' $SO_x$, l-$NO_x$ u t-trab fejn iseħħ stadju għat-tneħħija tat-trab (ESP) segwit minn xi proċessi katalitiċi speċifiċi. Il-komposti tal-kubrit huma rkuprati bħala aċidu sulfuriku kkonċentrat tal-grad kummerċjali, fil-waqt li l-$NO_x$ jitnaqqas għal $N_2$.<br>It-tneħħija globali ta' $SO_x$ hija fil-medda ta': 94 – 96,6 %.<br>It-tneħħija globali ta' $NO_x$ hija fil-medda ta': 87 – 90 % |

1.20.5. *Monossidu tal-karbonju (CO)*

| Teknika | Deskrizzjoni |
|---|---|
| Kontroll tal-operazzjoni tal-kombustjoni | Iż-żieda fl-emissjonijiet ta' CO minħabba l-applikazzjoni ta' modifiki tal-kombustjoni (tekniki primarji) għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $NO_x$ tista' tiġi limitata permezz ta' kontroll b'attenzjoni tal-parametri operattivi |
| Katalizzaturi bil-promoturi tal-ossidazzjoni tal-monossidu tal-karbonju (CO) | L-użu ta' sustanza li tippromwovi b'mod selettiv l-ossidazzjoni ta' CO f'$CO_2$ (kombustjoni) |
| Bojler tal-monossidu tal-karbonju (CO) | Apparat speċifiku ta' wara l-kombustjoni fejn il-CO preżenti fil-gass tat-tromba taċ-ċumnija jiġi kkunsmat downstream tar-riġeneratur katalist biex tiġi rkuprata l-enerġija<br>Normalment tintuża biss bl-unitajiet tal-FCC b'kombustjoni parzjali |

1.20.6. *Komposti organiċi volatili (VOC)*

| | |
|---|---|
| Irkupru tal-fwar | L-emissjonijiet tal-komposti organiċi volatili mill-operazzjonijiet ta' tagħbija u ħatt tal-maġġoranza tal-prodotti volatili, speċjalment iż-żejt mhux raffinat u prodotti eħfef, jistgħu jitnaqqsu b'bosta tekniki eż.:<br>— Assorbiment: il-molekuli tal-fwar jinħallu f'likwidu ta' assorbiment adattat (eż. glikoli jew frazzjonijiet taż-żejt minerali bħal l-pitrolju jew ir-riformat). Is-soluzzjoni ta' purifikazzjoni mgħobbija tiġi desorbita bit-tishin mill-ġdid fi stadju ulterjuri. Il-gassijiet desorbiti jridu jiġu kondensati, ipproċessati aktar u inċinerati jew assorbiti mill-ġdid fi fluss xieraq (eż. tal-prodott li qed jiġi rkuprat) |

| | |
|---|---|
| | — Adsorbiment: il-molekuli tal-fwar jinżammu f'siti ta' attivazzjoni fil-wiċċ tal-materjali solidi adsorbenti, eż. karbonju attivat (AC) jew żeolit. L-adsorbent jiġi riġenerat perjodikament. Id-desorbat li jirriżulta mbagħad jiġi assorbit fi fluss li jiċċirkula tal-prodott li qed jiġi rkuprat f'kolonna downstream ta' ħasil. Il-gass residwu mill-kolonna tal-ħasil jintbagħat għal trattament ulterjuri<br>— **Separazzjoni tal-gass** b'membrana: il-molekuli tal-fwar jiġu pproċessati permezz ta' membrani selettivi biex it-taħlita ta' fwar/arja tiġi separata f'fażi rikka fl-idrokarburi (permeat), li sussegwentement tiġi kkondensata jew adsorbita, u fażi nieqsa fl-idrokarburi (retentat).<br>— **Refriġerazzjoni/kondensazzjoni** f'żewġ stadji: bit-tkessiħ tat-taħlita ta' fwar/arja l-molekuli tal-fwar jikkondensaw u jiġu separati bħala likwidu. Billi l-umdità twassal għall-formazzjoni tas-silġ mal-iskambjatur tas-sħana, huwa meħtieġ proċess ta' kondensazzjoni f'żewġ stadji li jipprevedi operazzjoni alternattiva.<br>— **Sistemi** ibridi: kombinazzjonijiet tat-tekniki disponibbli<br>*NB:* Il-proċessi ta' assorbiment u adsorbiment ma jistgħux inaqqsu notevolment l-emissjonijiet tal-metan. |
| Qerda tal-fwar | Il-qerda tal-VOCs tista' tinkiseb permezz ta' eż. l-**ossidazzjoni termali** (inċinerazzjoni) jew l-**ossidazzjoni katalitika** meta l-irkupru ma jkunx possibbli faċilment. Huma meħtieġa rekwiżiti tas-sikurezza (eż. apparat li jżomm il-fjammi) sabiex tiġi evitata splużjoni.<br>L-**ossidazzjoni termali** sseħħ tipikament f'kamra unika, ossidaturi nfurrati b'materjal refrattorju mgħammra b'berner tal-gass u ċumnija. Jekk tkun preżenti l-gażolina, l-effiċjenza tal-iskambjatur tas-sħana hija limitata u t-temperaturi ta' qabel it-tisħin jinżammu taħt 180 °C sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' tqabbid. It-temperaturi operattivi jvarjaw bejn 760 °C sa 870 °C u l-ħinijiet ta' residenza tipikament huma sekonda 1. Meta inċineratur speċifiku ma jkunx disponibbli għal dan l-iskop, jista' jintuża forn eżistenti sabiex tiġi provduta t-temperatura u l-ħinijiet ta' residenza rikjesti.<br>L-**ossidazzjoni katalitika** tirrikjedi katalizzatur biex taċċellera r-rata tal-ossidazzjoni permezz tal-adsorbiment tal-ossiġenu u l-VOCs fil-wiċċ tagħha. Il-katalizzatur jgħin ir-reazzjoni tal-ossidazzjoni tokkorri f'temperatura iktar baxxa milli hemm bżonn mill-ossidazzjoni termali: tipikament tvarja bejn 320 °C sa 540 °C. L-ewwel stadju ta' tisħin minn qabel (bl-ettriku jew bil-gass) iseħħ biex jilħaq temperatura li hija neċessarja biex tibda l-ossidazzjoni katalitika tal-VOCs. Stadju ta' ossidazzjoni jseħħ meta l-arja tingħadda minn bażi ta' katalizzaturi solidi |
| Programm LDAR (it-tiswija u d-detezzjoni tat-tixrid) | Programm LDAR (it-tiswija u d-detezzjoni tat-tixrid) huwa approċċ strutturat għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-VOC li jaħarbu bid-detezzjoni u t-tiswija sussegwenti jew is-sostituzzjoni tal-komponenti li qed inixxu. Bħalissa, ix-xamm (deskritt f'EN 15446) u metodi ottiċi ta' immaġni għall-gass huma disponibbli għall-identifikazzjoni tat-tixrid.<br>**Metodu tax-xamm**: L-ewwel stadju huwa d-detezzjoni bl-użu ta' analizzaturi tal-VOC li jinżammu fl-idejn biex ikejlu l-konċentrazzjoni ħdejn it-tagħmir (eż. bl-użu tal-jonizzazzjoni bi fjamma jew il-fotojonizzazzjoni). It-tieni stadju jikkonsisti fit-tgeżwir tal-komponent f'borża biex jitwettaq kejl dirett fis-sors tal-emissjoni. It-tieni stadju xi kultant jiġi sostitwit b'kurvi ta' korrelazzjoni matematiċi li jiġu minn riżultati statistiċi miksuba minn għadd kbir ta' kejl preċedenti magħmula fuq komponenti simili.<br>**Metodi ottiċi ta' immaġni għall-gass**: Il-metodi ottiċi ta' immaġni jużaw kameras miżmuma fl-idejn li jippermettu l-viżwalizzazzjoni tat-tixrid tal-gass dak il-ħin stess, u jidhru bħala "duħħan" fuq vidjow rikorder flimkien mal-immaġni normali tal-komponent ikkonċernat sabiex jiġu lokalizzati faċilment u malajr it-tnixxijiet sinifikanti ta' VOC. Is-sistemi attivi jipproduċu immaġni b'dawl bil-lejżer infra-aħmar b'dispersjoni lura lejn il-punt ta' oriġini fuq il-komponent u l-inħawi. Is-sistemi passivi huma bbażati fuq ir-radjazzjoni infra-ħamra naturali tat-tagħmir u l-inħawi tiegħu |

| | |
|---|---|
| Monitoraġġ tal-emissjonijiet diffużi ta' VOC | L-iskrinjar u l-kwantifikazzjoni sħaħ tal-emissjonijiet tas-sit jistgħu jitwettqu b'kombinazzjoni xierqa ta' metodi kumplimentari eż. il-kampanji tal-fluss tal-ħabi solari (SOF) jew id-detezzjoni u l-kejl tad-distanza permezz tad-dawl u l-assorbiment differenzjali (DIAL). Dawn ir-riżultati jistgħu jintużaw għall-evalwazzjoni tat-tendenzi fil-ħin, il-kontroverifika u l-aġġornament/validazzjoni tal-programm LDAR kontinwu.<br><br>**Fluss tal-ħabi solari (SOF)**: It-teknika hija bbażata fuq ir-reġistrazzjoni u l-analiżi spettometrika Fourier Transform ta' spettru tad-dawl tax-xemx b'banda wiesgħa infra-ħamra jew ultra-vjola/viżibbli tul itinerarju ġeografiku speċifiku, li jaqsam id-direzzjoni tar-riħ u s-sħab twal tal-VOC.<br><br>**LIDAR bl-assorbiment differenzjali (DIAL)**: DIAL hija teknika bbażata fuq il-lejżer bl-użu ta' LIDAR (id-detezzjoni u l-kejl tad-distanza permezz tad-dawl) bl-assorbiment differenzjali li huwa l-analogu ottiku tar-RADAR ibbażat fuq il-mewġ tar-radju soniku. It-teknika tiddependi fuq id-dispersjoni lura lejn il-punt ta' oriġini tal-pulsazzjonijiet tar-raġġi tal-lejżer minn ajrusols atmosferiċi, u l-analiżi tal-proprjetajiet spettrali tad-dawl li jkun ġie lura miġbur minn teleskopju |
| Tagħmir b'integrità għolja | It-tagħmir b'integrità għolja jinkludi eż.:<br>— valvoli b'siġilli tal-ippakkjar doppji<br>— pompi/kompressuri/aġitaturi li jaħdmu manjetikament<br>— pompi/kompressuri/aġitaturi mgħammra b'siġilli mekkaniċi minflok tal-ippakkjar<br>— gaskets b'integrità għolja (bħal mdawrin b'mod spirali, ġonot fi ċrieki) għall-applikazzjonijiet kritiċi |

1.20.7. *Tekniki oħrajn*

| | |
|---|---|
| Tekniki biex jiġu evitati jew jitnaqqsu l-emissjonijiet mill-ivvampjar | **Disinn korrett tal-impjant**: jinkludi kapaċità suffiċjenti tas-sistema għall-irkupru tal-gass tal-fjakkoli, l-użu ta' valvoli għat-tnaqqis tal-pressjoni b'integrità għolja u miżuri oħrajn biex l-ivvampjar jintuża biss bħala sistema ta' sikurezza għall-operazzjonijiet li mhumiex dawk normali (bidu, tmiem, emerġenza).<br><br>**Ġestjoni tal-impjant**: tinkludi miżuri ta' organizzazzjoni u ta' kontroll għat-tnaqqis tal-avvenimenti tal-ivvampjar billi tiġi bbilanċjata s-sistema RFG, bl-użu tal-kontroll tal-proċess avvanzat, eċċ.<br><br>**Disinn tal-apparat tal-ivvampjar**: jinkludi l-għoli, il-pressjoni, l-assistenza bil-fwar, l-arja jew il-gass, it-tip tat-truf tal-fjakkoli, eċċ. jimmira li jippermetti l-operazzjonijiet mingħajr duħħan u affidabbli u li jiżgura kombustjoni effiċjenti tal-gassijiet żejda meta jsir ivvampjar minn operazzjonijiet mhux normali.<br><br>**Monitoraġġ u rapportar**: Monitoraġġ kontinwu (kejl tal-fluss tal-gass u stimi ta' parametri oħrajn) tal-gass mibgħut għall-ivvampjar u tal-parametri assoċjati tal-kombustjoni (eż. it-taħlita tal-fluss tal-gass u l-kontenut tas-sħana, il-proporzjon ta' assistenza, il-veloċità, ir-rata tal-fluss tal-gass imneħħi, l-emissjonijiet li jniġġsu). Ir-rapportar tal-avvenimenti tal-ivvampjar jippermetti l-użu tal-proporzjon tal-ivvampjar bħala rekwiżit inkluż fl-EMS u jippermetti li jiġu evitati avvenimenti futuri.Jista' jitwettaq ukoll monitoraġġ viżwali mill-bogħod tal-fjakkola bl-użu ta' moniters tat-TV bil-kulur matul l-avvenimenti tal-fjakkoli |
| Għażla tal-promotur katalist biex tiġi evitata l-formazzjoni tad-diossini | Matul ir-riġenerazzjoni tal-katalizzatur riformatur, il-klorur organiku ġeneralment ikun meħtieġ għal prestazzjoni effettiva tar-riformar tal-katalizzatur (biex jerġa' jiġi stabbilit il-bilanċ tajjeb tal-klorur fil-katalizzatur u biex tiġi żgurata d-dispersjoni korretta tal-metalli). L-għażla tal-kompost klorinat xieraq ikollu influwenza fuq il-possibbiltà ta' emissjonijiet tad-diossini u furans |

| | |
|---|---|
| L-irkupru tas-solvent għall-proċessi tal-produzzjoni taż-żejt bażi | L-unità għall-**irkupru tas-solvent** tikkonsisti fi stadju ta' distillazzjoni fejn is-solventi jiġu rkuprati mill-fluss taż-żejt u stadju ta' tqaxxir (bil-fwar jew gass interti) fi frazzjonatur.<br>Is-solventi użati jistgħu jkunu taħlita (DiMe) ta' 1,2-dikloroetan (DCE) u diklorometan (DCM).<br>Fl-unitajiet tal-ipproċessar tax-xema', l-irkupru tas-solvent (eż. għal DCE) jitwettaq permezz ta' żewġ sistemi: wieħed għax-xema' mingħajr żejt u ieħor għax-xema' ratba. It-tnejn jikkonsistu fi flashdrums integrati bis-sħana u apparat għat-tqaxxir bil-vakwu. Il-flussi mill-prodott taż-żejt mingħajr xema' u x-xemgħat jitqaxxru għat-tneħħija tat-traċċi ta' solventi |

1.21. **Deskrizzjoni tat-tekniki għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-emissjonijiet fl-ilma**

1.21.1. *Trattament minn qabel tal-ilma mormi*

| | |
|---|---|
| It-trattament minn qabel tal-flussi tal-ilma sulfurat qabel l-użu mill-ġdid jew it-trattament | Ibgħat l-ilma sulfurat iġġenerat (eż. mill-unitajiet ta' distillazzjoni, krekkjar, kokkjar, eċċ.) għat-trattament minn qabel xieraq (eż. unità tat-tqaxxir) |
| It-trattament minn qabel ta' flussi oħrajn tal-ilma mormi qabel it-trattament | Sabiex tinżamm il-prestazzjoni tat-trattament, jista' jkun meħtieġ trattament minn qabel xieraq |

1.21.2. *Trattament tal-ilma mormi*

| | |
|---|---|
| Tneħħija tas-sustanzi li ma jinħallux billi jiġi rkuprat iż-żejt. | Dawn it-tekniki ġeneralment jinkludu:<br>— Separaturi API (APIs)<br>— Interċettaturi bil-Pjanċi Kkorugati (CPIs)<br>— Interċettaturi bil-Pjanċi Paralleli (PPIs)<br>— Interċettaturi bil-Pjanċi Inklinati (TPIs)<br>— Tankijiet bafer u/jew ta' ugwalizzazzjoni |
| Tneħħija tas-sustanzi li ma jinħallux billi jiġu rkuprati s-solidi sospiżi u ż-żejt mifrux | Dawn it-tekniki ġeneralment jinkludu:<br>— Flotazzjoni tal-Gass Maħlul (DGF)<br>— Flotazzjoni tal-Gass Indott (IGF)<br>— Filtrazzjoni bir-ramel |
| Tneħħija tas-sustanzi li jinħallu inkluż it-trattament bijoloġiku u l-kjarifikazzjoni | It-tekniki tat-trattament bijoloġiku jistgħu jinkludu:<br>— Sistemi bil-bażi fissa<br>— Sistemi bil-bażi sospiża.<br>Waħda mill-aktar sistemi komuni bil-bażi sospiża użata fir-raffineriji WWTP hija l-proċess attivat tal-ħama. Is-sistemi bil-bażi fissa jistgħu jinkludu bijofiltru jew filtru skulatur |
| Stadju ta' trattament addizzjonali | Trattament tal-ilma mormi speċifiku maħsub biex jikkumplimenta l-istadji ta' trattament preċedenti eż. għal aktar tnaqqis tal-komposti tan-nitroġenu jew tal-karbonju. Ġeneralment użati fejn jeżistu rekwiżiti lokali speċifiċi għall-preżervazzjoni tal-ilma. |